

It-traċċar u l-identifikazzjoni tal-membri tal-familja skont ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni It-2 edizzjoni

PARTI

2

GWIDA PRATTIKA DWAR IT-TRAĊĊAR TAL-FAMILJA

Parti II – It-traċċar u l-identifikazzjoni tal-membri tal-familja skont ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

April 2025

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Din il-gwida tħejjiet mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tagħti interpretazzjoni awtorevoli tad-dritt tal-UE.

Id-deċiżjoni li tingħata jew tiġi miċħuda protezzjoni internazzjonali qatt ma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-isforzi tat-traċċar tal-familja tal-awtoritajiet tal-UE.

Fid-19 ta' Jannar 2022, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) sar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA). Ir-referenzi kollha għall-EASO, il-prodotti u l-korpi tal-EASO għandhom jinftiehm u bħala referenzi għall-EUAA.



Il-manuskritt tlesta fi Frar 2025

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-pubblikazzjoni kurrenti.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

Print ISBN 978-92-9418-278-4 doi:10.2847/1745190 BZ-01-25-005-MT-C

PDF ISBN 978-92-9418-279-1 doi:10.2847/1865221 BZ-01-25-005-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2026

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-EUAA, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-EUAA ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur f'rabta mal-elementi li ġejjin:

— Illustrazzjoni tal-qoxra lolloj © AdobeStock



Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet.....	5
Qafas legali.....	6
Ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni.....	6
Novitajiet miġjuba mir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni.....	7
Il-prevenzjoni ta' moviment sekondarju	7
Il-post u l-importanza tar-rabtiet familjari fi ħdan il-kriterji ta' responsabbiltà	8
Il-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà fir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni.....	9
Ir-rabtiet familjari tal-applikant fl-UE	10
Il-klawżola ta' dipendenza (l-Artikolu 34)	12
Il-klawżoli diskrezzjonali (l-Artikolu 35).....	13
Skedi ta' żmien għad-determinazzjoni tal-pajjiż tal-UE+ responsabbli	14
Obbligi relatati mal-proċedura ta' traċċar tal-familja skont ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni.....	17
Għoti ta' informazzjoni	17
Possibbiltajiet ta' traċċar tal-familja	17
Organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja	17
Il-proċedura u l-intervista personali.....	17
Assistenza lill-applikant biex jikkomunika ma' organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja	18
Konsulenza legali	18
Prijoritizzazzjoni	20
Enfasi u attenzjoni fuq il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja	20
Identifikazzjoni bikrija u konsultazzjoni	20
Prijoritizzazzjoni ta' każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja fiż-żewġ pajjiżi tal-UE+	20
Kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-AMMR, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet	21
Il-proattività tal-fornituri tal-informazzjoni, l-uffiċjali tal-każ, ir-rappreżentanti u l-applikant	22
L-iżgurar ta' riżorsi suffiċjenti fi ħdan l-Unità tal-AMMR.....	22
Organizzazzjoni pass pass tal-proċedura ta' traċċar tal-familja	25
1. Skrinjar.....	26
Indikazzjoni tal-preżenza ta' membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+	26



Riferiment immedjat għall-proċedura xierqa	27
2. Reġistrazzjoni	28
Għarfien dwar il-limiti ta' żmien	28
L-identifikazzjoni ta' membri potenzjali tal-familja ta' applikant fil-pajjiżi tal-UE+	28
Għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-applikant	29
Possibbiltà li tiġi organizzata l-intervista tar-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni	30
Mudell għat-traċċar tal-familja.....	30
3. Riferiment lill-Unità tal-AMMR.....	35
4. Determinazzjoni tar-responsabbiltà.....	37
Skrinjar ta' każijiet skont il-priorità	37
Rieżami tal-informazzjoni disponibbli	37
Id-determinazzjoni tal-passi li jmiss	39
L-organizzazzjoni tal-intervista personali (ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni)	39
Il-bgħit ta' talbiet ta' informazzjoni biex jiġu traċċati u identifikati membri tal-familja jew persuni dipendenti.....	44
Prijoritizzazzjoni mill-pajjiż tal-UE+ rikjest	45
Eżitu tal-proċedura.....	46
Il-partijiet ikkonċernati fit-traċċar tal-familja u r-rwoli tagħhom fil-proċedura.....	48
Organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+	55





Lista ta' abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni
AMMR	regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni — ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [ir-Regolament ta' Dublin III]
APR	regolament dwar il-proċedura tal-ażil — ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE
EUAA	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil
Il-pajjiżi tal-UE+	L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera
Ir-Regolament ta' Dublin III	Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid)
L-Istati Membri	L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea
L-Unità tal-AMMR	L-awtorità tal-pajjiż tal-UE+ (l-unità) responsabbli għat-twettiq tal-proċedura biex tiddetermina l-pajjiż tal-UE+ responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 52 tal-AMMR.
NGO(s)	organizzazzjoni(jiet) mhux governattiva/i

Qafas legali

Din hija l-parti II tal-Gwida Prattika dwar it-traċċar tal-familja.

Qabel ma taqra din il-gwida, huwa rakkomandat li tiffamiljarizza ruġek mal-[Parti I: Il-prinċipji u l-prattiki dwar it-traċċar tal-familja fl-UE+ u f'pajjiżi terzi](#). Il-Parti I tispjega l-kunċett ta' traċċar tal-familja, il-prinċipji gwida u l-prattiki ġenerali tat-traċċar tal-familja madwar l-UE+ u pajjiżi terzi. Tkopri wkoll terminoloġija, definizzjonijiet u ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali applikabbli.

Il-Parti II tiffoka fuq it-traċċar tal-familja fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-pajjiż tal-UE+ responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Din il-parti tispjega l-proċedura ta' determinazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1351 (AMMR, Asylum and Migration Management Regulation) ⁽¹⁾, l-obbligi li huma relatati mat-traċċar tal-familja, u l-organizzazzjoni pass pass tal-proċedura biex jiġu traċċati l-membri tal-familja ta' applikant li huma preżenti f'pajjiż tal-UE+.

Il-prinċipji deskritti fil-Parti I (ir-rispett għall-ħajja tal-familja, is-salvagwardji proċedurali, il-kunsiderazzjoni primarja għall-aħjar interessi tat-tfal u t-tfittxija attiva ta' possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja) għandhom jiġu rispettati meta jitwettaq it-traċċar tal-familja. Dan il-kapitolu jiffoka fuq id-deskrizzjoni tal-AMMR.

Ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

L-AMMR għandu l-għan li jsib bilanċ bejn regoli ċari dwar it-teħid tar-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-iżgurar tas-solidarjetà fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (il-pajjiżi tal-UE+) sabiex jiġu appoġġati daww li qed jiffaċċjaw pressjoni sproporzjonata. Għal dan il-għan, l-AMMR jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

L-AMMR jistabbilixxi qafas ta' solidarjetà permanenti, li jistabbilixxi l-passi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-pajjiżi tal-UE ⁽²⁾ jirċievu l-miżuri ta' solidarjetà meħtieġa. Kull pajjiż tal-UE jista' jagħżel it-tip ta' solidarjetà li huwa lest li jipprovdi, li tista' tkun ir-rilokazzjoni ta' applikanti jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, kontribuzzjonijiet finanzjarji jew dak li huwa magħruf bħala l-“kumpensi tar-responsabbiltà” biex jieħu r-responsabbiltà tal-eżami tal-applikazzjonijiet. Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-pubblikazzjoni.

L-AMMR jistabbilixxi regoli ċari dwar ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Il-persuni li jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali se jkollhom jirreġistraw l-applikazzjoni tagħhom fl-ewwel pajjiż ta' dħul u se jkollhom jibqgħu f'dak il-pajjiż sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà. Il-pajjiż tal-UE+ fejn l-applikazzjoni tiġi rreġistrata jista' jibgħat talba biex tittieħed responsabbiltà tal-eżami tal-applikazzjoni lil

⁽¹⁾ [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1351](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024).

⁽²⁾ Id-Danimarka u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen mhumiex marbuta bid-dispożizzjonijiet relatati mal-miżuri ta' solidarjetà stabbiliti fl-AMMR.



pajjiż ieħor tal-UE+ li jitqies responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-AMMR. F'din il-gwida, il-pajjiż li jibgħat it-talba jissejjaħ il-“pajjiż tal-UE+ rikjedenti”. Il-pajjiż li jirċievi t-talba jissejjaħ il-“pajjiż tal-UE+ rikjest”.

L-AMMR jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ir-Regolament ta' Dublin III) ⁽³⁾. L-AMMR iġib xi novitajiet fil-proċedura li għandhom l-għan li jsaħħu l-kriterji tal-familja u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-familja.

Id-dispożizzjonijiet tar-regolament il-ġdid ifissru li l-applikanti se jkunu inqas probabbli li jinvolvu ruħhom f'moviment sekondarju. Dan huwa dovut għal proċedura aktar rapida u aktar effiċjenti, l-enfasi fuq ir-rabtiet u l-prijoritizzazzjoni tal-familja u aktar informazzjoni dwar il-kriterji, ir-rabtiet familjari, id-dritt għal konsulenza legali u l-konsegwenzi ta' ħrib.

Novitajiet miġjuba mir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

L-AMMR jintroduċi l-obbligu:

- li tingħata prijorità lill-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja kemm mill-pajjiż tal-UE+ rikjedenti kif ukoll dak rikjest;
- min-naħa tal-awtoritajiet u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, li jimlew il-mudell għat-traċċar tal-familja kif speċifikat fl-Artikolu 22 tal-AMMR;
- min-naħa tal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+, li jipprovdu informazzjoni estensiva lill-applikanti;
- min-naħa tal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+, li jwettqu intervista personali ma' persuni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali għall-ewwel darba biex jiffaċilitaw id-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli tal-UE+ (l-intervista tal-AMMR).

Jintroduċi wkoll:

- il-possibbiltajiet li jiġu involuti organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja kemm fil-pajjiż tal-UE+ rikjedenti kif ukoll f'dak rikjest;
- id-dritt tal-applikant li jitlob konsulenza legali fil-proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà;
- kriterji ġodda dwar id-diplomi u l-kwalifiki.

Il-prevenzjoni ta' moviment sekondarju

Il-prijoritizzazzjoni tal-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' teħid lura, li jippermettu lill-pajjiżi tal-UE+ jagħmlu aktar enfasi fuq it-traċċar tal-familja introdott skont l-AMMR, iservu biex jipprevjenu l-moviment sekondarju. Il-proċedura tiżgura li l-applikanti jkunu jistgħu jingħaqdu mill-ġdid mal-membri tal-familja jew mal-persuna dipendenti tagħhom malajr kemm jista' jkun, mingħajr il-ħtieġa li jistennaw wisq għall-eżitu jew għat-trasferiment. L-għan li jiġu identifikati membri potenzjali tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+ li diġà

⁽³⁾ [Ir-Regolament \(UE\) Nru 604/2013](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 180, 29.6.2013).

huma fil-punt tad-dħul fit-territorju huwa pass importanti fit-traċċar tal-familja. Dan jiżgura li d-dritt għall-ħajja tal-familja jkun jista' jiġi eżerċitat u se jippermetti lill-applikanti jingħaqdu legalment mal-membri tal-familja tagħhom permezz ta' proċedura effiċjenti.

Barra minn hekk, ir-regolament Eurodac, li jistabbilixxi bażi tad-data interoperabbli tal-ażil u tal-migrazzjoni biex jappoġġa s-sistema tal-ażil, jgħin fl-implimentazzjoni tal-AMMR. Il-bażi tad-data tal-Eurodac se jkun fiha l-marki tas-swaba' u l-immaġnijiet tal-wiċċ, id-data tal-identità u kopji tad-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. L-informazzjoni disponibbli fl-Eurodac se tagħmilha possibbli li jiġi ddeterminat malajr il-pajjiż tal-UE+ responsabbli. Ir-regolament riformulat tal-Eurodac, flimkien mar-regoli msaħħa skont l-AMMR, għandhom l-għan li jipprevjenu u jiskoraġġixxu l-moviment sekondarju ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali.

Is-sistema Eurodac

Wieħed mill-għanijiet tal-Eurodac huwa l-ewwel nett li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-AMMR u li jidentifika b'mod effettiv movimenti sekondarji fl-UE ⁽⁴⁾. Għal dan il-għan, l-Eurodac se tippermetti t-tqabbil tal-marki tas-swaba' ta' persuna biex jiġi identifikat l-istatus tagħha (eż. jekk hijiex applikanta għall-protezzjoni internazzjonali jew jekk ingħatatx protezzjoni internazzjonali minn pajjiż tal-UE+.) Meta ssir tfittxija fl-Eurodac, ir-riżultat tat-tfittxija juri wkoll liema pajjiż tal-UE+ huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-persuna, dment li tkun twettqet id-determinazzjoni tar-responsabbiltà.

L-Eurodac se tippermetti wkoll l-għadd tal-applikanti (minflok l-applikazzjonijiet). Din se tgħaqqad settijiet ta' data li jappartjenu għall-istess persuna, u b'hekk tagħmilha aktar faċli li wieħed jifhem l-għadd ta' applikanti fil-pajjiżi tal-UE+ u jidentifika moviment sekondarju.

It-tfal 'il fuq minn sitt snin ukoll għandhom jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Jekk it-tfal ikunu akkumpanjati, membru tal-familja għandu jkun preżenti meta tittieħed id-data bijometrika tagħhom. Jekk it-tfal ma jkunux akkumpanjati, ir-rappreżentant/il-gwardjan jew persuna mħarrġa li tkun kapaċi tipproteġi l-aħjar interessi tat-tfal għandha tkun preżenti meta tittieħed id-data bijometrika.

Il-post u l-importanza tar-rabtiet familjari fi ħdan il-kriterji ta' responsabbiltà

L-eżistenza ta' rabtiet familjari ta' applikant f'pajjiż tal-UE+ dejjem kienet l-ewwel kriterju li ġie eżaminat fil-proċedura skont ir-Regolament Dublin III (il-proċedura ta' Dublin). Dan il-prinċipju ma jinbidilx fl-AMMR u huwa msaħħaħ minn diversi miżuri. Dawn il-miżuri huma stabbiliti fl-AMMR biex jiġu indirizzati l-isfidi esperjenzati fl-applikazzjoni tal-proċedura ta' Dublin. It-tliet sfidi ewlenin huma:

- ir-rabtiet familjari jibqgħu mhux identifikati;
- ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni dwar il-membri tal-familja;
- hemm nuqqas ta' żmien biex il-każ jiġi esplorat b'mod suffiċjenti.

⁽⁴⁾ Il-premessa 4 tar-regolament Eurodac.



Biex tissaħħaħ l-importanza tar-rabtiet familjari, il-pajjiżi tal-UE+ issa huma obbligati jagħmlu sforz akbar biex jitraċċaw u jidentifikaw il-membri tal-familja ta' applikant fit-territorju tal-UE+ fil-punt tal-wasla fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+. Dan se jgħin biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn ir-rabtiet familjari jibqgħu mhux identifikati.

Għodda effiċjenti għall-ġbir bikri ta' informazzjoni hija l-[mudell għat-traċċar tal-familja](#) li għandu jimtela mill-applikant malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard miż-żmien tal-intervista biex jiġi ddeterminat il-pajjiż responsabbli tal-UE+ għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dan se jiżgura li l-informazzjoni inizjali dwar ir-rabtiet familjari tkun disponibbli għall-awtoritajiet, li mbagħad tista' tiġi esplorata aktar matul l-intervista.


L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-każijiet potenzjali tal-familja biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed żmien disponibbli biex jiġu esplorati ċ-ċirkostanzi ta' każijiet bħal dawn. Jekk jiġu mmarkati għall-prijorizzazzjoni, l-uffiċjali tal-każ diġà jkunu jistgħu jibdeu jesploraw ir-rabtiet familjari ta' persuna jew jistgħu jiġu kkuntattjati organizzazzjonijiet ta' traċċar (Ara [l-Parti I, it-Tagħsim 4.2. Għodod tekniċi](#)).

Il-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà fir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

Il-Parti III tal-AMMR tistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema pajjiż tal-UE+ huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Il-proċedura tiggarantixxi li applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida tiġi eżaminata minn pajjiż wieħed tal-UE+. Il-pajjiż responsabbli tal-UE+ jiġi ddeterminat abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Parti III tal-AMMR.

Il-kriterji huma stabbiliti f'ordni ġerarkika u huma spjegati fid-dettall fl-Illustrazzjoni 1.

Illustrazzjoni 1. Il-kriterji tal-AMMR għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà f'ordni ġerarkika



Fil-każ ta' persuni vulnerabbli, jew minħabba raġunijiet konvinċenti, il-Kapitolu III tal-Parti III tal-AMMR jista' jsir applikabbli skont l-Artikoli li ġejjin:

- persuni dipendenti (l-Artikolu 34);
- klawżoli diskrezzjonali (l-Artikolu 35).

Meta persuna tapplika għall-protezzjoni internazzjonali għall-ewwel darba, il-kriterji tal-familja jridu jiġu evalwati l-ewwel. Jekk il-persuna ma jkollha l-ebda membru tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+, jiġi eżaminat il-kriterju li jmiss.

Ir-rabtiet familjari tal-applikant fl-UE

Meta jiġi ddeterminat liema pajjiż tal-UE+ huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li tiġi rreġistrata għall-ewwel darba, l-ewwel kriterju li għandu jiġi eżaminat huwa relatat mar-rabtiet familjari potenzjali tal-applikant.

Illustrazzjoni 2. L-ewwel kriterji ta' valutazzjoni fil-Kapitolu II: rabtiet familjari

Ir-rabtiet familjari

Minorenni mhux akkumpanjati (l-Artikolu 25)

- Il-pajjiż tal-UE+ fejn il-membru tal-familja jew l-aħwa ta' tfal mhux akkumpanjati jkunu legalment preżenti għandu jkun il-pajjiż tal-UE+ responsabbli.
- Il-pajjiż tal-UE+ fejn il-qarib tat-tfal mhux akkumpanjati jkun legalment preżenti għandu jkun il-pajjiż tal-UE+ responsabbli.
- Jekk it-tfal mhux akkumpanjati jkollhom membri tal-familja, aħwa jew qarab legalment preżenti f'aktar minn pajjiż wieħed tal-UE+, il-pajjiż tal-UE+ responsabbli jiġi ddeterminat abbażi tal-aħjar interessi tat-tfal.
- Jekk tfal mhux akkumpanjati ma jkollhomx membru tal-familja, aħwa jew qarib legalment preżenti fl-UE+, il-pajjiż fejn l-applikazzjoni tagħhom tkun irreġistrata għall-ewwel darba għandu jkun dak responsabbli, għajr jekk dan ma jkunx fl-aħjar interessi tagħhom.

Membri tal-familja li jirrisjedu legalment fi Stat Membru (l-Artikolu 26)

- Il-pajjiż tal-UE+ fejn ikun qiegħed jgħix il-membru tal-familja tal-applikant (jew bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jew b'permess ta' residenza fit-tul) huwa responsabbli, jekk iż-żewġ partijiet ikunu esprimew il-kunsens tagħhom bil-miktub.
- Il-pajjiż tal-UE+ fejn il-membru tal-familja (li sar ċittadin ta' pajjiż tal-UE+ wara residenza bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali f'dak il-pajjiż tal-UE+) ikun qed jirrisjedi għandu jkun dak responsabbli, jekk iż-żewġ partijiet ikunu esprimew il-kunsens tagħhom bil-miktub.



Membri tal-familja li huma applikanti (l-Artikolu 27)

Il-pajjiż tal-UE+ fejn il-membru tal-familja ta' applikant li applika għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+ u fejn tkun għadha ma ttehdet l-ebda deċiżjoni dwar is-sustanza huwa responsabbli, jekk iż-żewġ partijiet ikunu esprimew il-kunsens tagħhom bil-miktub.



Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata

Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal hija proċedura kumplessa li tinvolvi diversi partijiet ikkonċernati u teħtieġ kooperazzjoni. Ħarsa ġenerali lejn il-valutazzjoni tal-aħjar interessi fil-proċedura tal-ażil tista' tinstab fl-EASO, [Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri tal-ażil](#), 2019. Din il-gwida se tiġi aġġornata fl-2025 u se tinkludi aspetti tal-valutazzjoni tal-aħjar interessi fil-proċeduri tal-familja tal-AMMR.



Għaliex il-kunsens għar-riunifikazzjoni tal-familja mhuwiex meħtieġ f'każijiet li jikkonċernaw it-tfal?

L-AMMR ma jirrikjedix li t-tfal mhux akkumpanjati jipprovdu l-kunsens tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja.

Anke jekk ma jkun meħtieġ l-ebda kunsens formali mit-tfal, il-valutazzjoni tal-aħjar interessi għandha dejjem tinkludi l-fehmiet tat-tfal. L-awtoritajiet għandhom dejjem jistaqsu lit-tfal dwar ir-rieda tagħhom li jingħaqdu mill-ġdid ma' membru tal-familja, aħwa jew qarib. L-awtoritajiet għandhom iqisu l-fehmiet tat-tfal f'konformità mal-età, mal-maturità tagħhom u ma' kwalunkwe riskju għas-sikurezza, għas-sigurtà jew għall-benesseri tat-tfal.

Jekk it-tfal jew il-ġenitur(i), l-aħwa jew il-qarib/qraba tagħhom ma jkunux jixtiequ jingħaqdu mill-ġdid, dan ma għandux neċessarjament jeskludi r-riunifikazzjoni tal-familja peress li xorta tista' tkun fl-aħjar interessi tat-tfal. Madankollu, huwa importanti li jitqies li n-nuqqas ta' rieda tat-tfal ta' riunifikazzjoni jista' jirriżulta f'nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tat-tfal jew f'riskju ta' ħrib. Ir-riunifikazzjoni ma tridx isseħħ meta jiġi muri li din ma tkunx fl-aħjar interessi tat-tfal.

Meta t-tfal ikollhom ġenitur u qarib preżenti fil-pajjiżi tal-UE+, ir-relazzjoni mal-ġenitur għandha l-ewwel tiġi investigata qabel ma titqies ir-riunifikazzjoni mal-qarib. Jekk tinbeda r-riunifikazzjoni mal-qarib, it-talba għandha tinkludi għaliex ma kienx fl-aħjar interessi tat-tfal li jingħaqdu mill-ġdid mal-ġenitur. Id-deċiżjoni għandha dejjem tittieħed abbażi tal-aħjar interessi tat-tfal.

Jekk l-applikant ikun adult u jkollu membru tal-familja f'pajjiż tal-UE+, dawn jistgħu jingħaqdu mill-ġdid dment li ż-żewġ partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom bil-miktub għar-riunifikazzjoni.



Kunsiderazzjonijiet dwar il-kunsens

Il-kunsens bil-miktub tal-applikant (adult) u tal-membru tal-familja għar-riunifikazzjoni tal-familja huwa rekwiżit formali biex issir talba biex tittieħed responsabbiltà abbażi ta' raġunijiet familjari. Mingħajr dan il-kunsens iffirmit mill-persuni li jaġixxu fil-kapaċità ġuridika sħiħa tagħhom, il-persuni ma jistgħux jingħaqdu mill-ġdid. Il-kunsens għar-riunifikazzjoni huwa meħtieġ sabiex l-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ ikunu jistgħu jipproteġu lin-nies milli jingħaqdu mill-ġdid kontra r-rieda tagħhom.

L-applikanti għandhom jiġu infurmati dwar ir-rekwiżit formali li jingħata kunsens bil-miktub għar-riunifikazzjoni tal-familja. Huma għandhom jiġu infurmati li tali kunsens għandu jingħata biss jekk jixtiequ jingħaqdu mill-ġdid mal-membru tal-familja. Il-kunsens qatt ma għandu jiġi mġiegħel (eż. minn membru tal-familja), għandu jkun volontarju u jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe mument.

Jekk l-applikant jew il-membru tal-familja ma jkunx jixtieq ir-riunifikazzjoni, dan ma għandux jipprovdi l-kunsens bil-miktub tiegħu, jew, jekk ikun ipprovdut, għandu jirtirah. Il-persuni jistgħu jaġġżlu li jinfurmaw lill-awtoritajiet dwar ir-raġuni(jiet) għaliex ma jixtiqux ir-riunifikazzjoni. Din l-informazzjoni għandha dejjem tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali. Pereżempju, jekk il-persuna ma tkunx lesta li tingħaqad mill-ġdid minħabba li kienet vittima ta' vjolenza domestika jew abbuż mill-membru tal-familja, jekk dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet, il-persuna tkun tista' tiġi protetta aħjar fil-futur minn kwalunkwe kuntatt mill-membru tal-familja.

Il-kriterji skont l-AMMR jistgħu jorbtu lill-persuna ma' pajjiż tal-UE+ jekk ikunu nharġulha dokumenti minn pajjiż tal-UE+ jew jekk tkun daħlet fit-territorju tal-UE+ permezz ta' pajjiż ieħor tal-UE+. F'każijiet fejn l-ebda wieħed mill-kriterji l-oħrajn skont l-AMMR ma jorbot lill-persuna ma' pajjiż tal-UE+, l-ewwel pajjiż tal-UE+ li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni se jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dan huwa l-każ sakemm ma tapplikax il-klawżola ta' dipendenza jew sakemm il-pajjiż tal-UE+ ma japplikax waħda mill-klawżoli diskrezzjonali.

Il-klawżola ta' dipendenza (l-Artikolu 34)

L-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant jew persuna oħra (tfal, aħwa jew ġenituri) hija wkoll kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti fl-AMMR. Li l-applikant jingħaqad mill-ġdid jew jinżamm flimkien ma' persuna li tiddependi mill-assistenza tagħha huwa possibbli skont din il-klawżola.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li biex tapplika l-klawżola ta' dipendenza, iridu jiġu ssodisfati diversi kundizzjonijiet.

1. Il-persuna kkonċernata (l-applikant jew it-tifel/tifla, l-aħwa jew il-ġenitur tal-applikant) trid tkun f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà abbażi ta' mill-inqas waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
 - tqala



- ikollha tarbija tat-twelid
 - disturb tas-saħħa mentali serju
 - mard fiżiku serju
 - diżabilità severa
 - trawma psikoloġika severa
 - xjuħija.
2. It-tfal, l-aħwa jew il-ġenituri tal-applikant iridu jkunu residenti legalment f'wieħed mill-pajjiżi tal-UE+.
 3. Irid jintwera li l-applikant jew it-tifel/tifla, l-aħwa jew il-ġenitur fil-fatt jiddependu mill-assistenza tal-persuna l-oħra.
 4. Ir-rabta familjari (tfal, aħwa, ġenituri) bejn il-persuni trid tkun kienet teżisti qabel ma l-applikant ikun wasal fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+.
 5. Il-persuna trid tkun tista' tieħu ħsieb il-persuna dipendenti.
 6. Iż-żewġ persuni jridu jesprimu l-kunsens tagħhom għar-riunifikazzjoni u/jew għaż-żamma tagħhom flimkien bil-miktub.

Pereżempju, jekk l-omm tal-applikant, minħabba x-xjuħija u kundizzjoni ta' saħħa ħażina, tiddependi mill-assistenza tal-applikant, l-applikant u l-omm iridu juri l-eżistenza ta' dipendenza b'evidenza. L-awtoritajiet jivvalutaw ukoll jekk ikunx hemm xi persuna oħra li tkun tista' tappoġġa lill-omm tal-applikant. Huma jeżaminaw ukoll min appoġġa lill-omm tal-applikant qabel il-wasla tal-applikant fil-pajjiż tal-UE+ u għaliex tali assistenza ma tistax tibqa' tiġi pprovduta.

L-Artikolu 34(3) tal-AMMR jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti delegati fir-rigward ta' persuni dipendenti. Dawn l-atti delegati jistgħu jkopru:

- elementi li għandhom jitqiesu biex tiġi vvalutata r-relazzjoni ta' dipendenza;
- il-kriterji biex jiġi stabbilit li teżisti rabta familjari;
- il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità ta' persuna li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;
- l-elementi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-inabbiltà ta' persuna li tivvjaġġa għal perjodu sinifikanti.

Il-klawżoli diskrezzjonali (l-Artikolu 35)

Pajjiż tal-UE+ jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali anke jekk dak il-pajjiż tal-UE+ ma jkunx responsabbli skont il-kriterji. L-applikazzjoni ta' din il-klawżola hija fid-diskrezzjoni tal-pajjiż tal-UE+ f'konformità mal-Artikolu 35(1) tal-AMMR.

Fil-prattika, l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni ekwivalenti fl-Artikolu 17(1) tar-regolament ta' Dublin III juru li l-klawżola ta' sovranità spiss ġiet applikata f'każijiet fejn it-trasferiment tal-applikant kien iwassal għas-separazzjoni tal-familja. L-Artikolu 35(1) tal-AMMR jippermetti wkoll lill-pajjiżi tal-UE+ jużaw din id-dispożizzjoni biex iżommu l-familji flimkien.

L-Artikolu 35(2) tal-AMMR jippermetti wkoll devjazzjoni mill-kriterji standard tar-regolament. Din id-dispożizzjoni tgħin biex tlaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari għal raġunijiet umanitarji bbażata fuq rabtiet sinifikanti fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet familjari, soċjali jew kulturali. F'dan il-każ, pajjiż tal-UE+ jista' jitlep lil pajjiż ieħor tal-UE+ biex jeżamina l-applikazzjoni tal-persuna anke jekk il-pajjiż l-ieħor tal-UE+ ma jkunx dak responsabbli.

Fil-prattika, dan ifisser, pereżempju, li anke jekk applikant ma jkollux membri tal-familja fil-pajjiż tal-UE+, jew jekk ma jkollux rabta ta' dipendenza mat-tifel jew tifla, l-aħwa jew il-ġenitur tiegħu, ir-riunifikazzjoni ma' qarib ieħor xorta tista' tinbeda, dment li ż-żewġ partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom għaliha. Dan jista' jikkonċerna, pereżempju, ir-relazzjonijiet familjari mhux koperti mid-dispożizzjonijiet tal-AMMR. Madankollu, dan mhuwiex ibbażat fuq kriterji ta' responsabbiltà vinkolanti u għalhekk il-pajjiż tal-UE+ rikjest mhuwiex obligat jaċċetta t-talba. Huwa fid-diskrezzjoni tal-pajjiż tal-UE+ rikjest li jaċċetta jew jirrifjuta talba magħmula għal din ir-raġuni. Madankollu, il-pajjiż tal-UE+ irid jiddikjara r-raġunijiet li għalihom it-talba ma tkunx ġiet aċċettata.

Skedi ta' żmien għad-determinazzjoni tal-pajjiż tal-UE+ responsabbli

L-AMMR jistabbilixxi limiti ta' żmien stretti għad-determinazzjoni tal-pajjiż tal-UE+ responsabbli. Dan biex jiġi żgurat li l-applikant ikollu aċċess rapidu u effettiv għall-proċedura tal-ażil.

Id-determinazzjoni tar-responsabbiltà tibda meta t-talba għal protezzjoni internazzjonali tiġi rreġistrata għall-ewwel darba fil-pajjiż tal-UE+. Bir-reġistrazzjoni, jibda jgħodd il-limitu ta' żmien biex tintbagħat talba lill-pajjiż tal-UE+ responsabbli. Jekk l-applikant ikollu membri tal-familja fit-territorju tal-UE+, għandha tintbagħat talba biex tittieħed responsabbiltà malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn xahrejn mir-reġistrazzjoni. Il-pajjiż tal-UE+ iridu jagħtu prijorità lill-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

Jekk pajjiż tal-UE+ jonqos milli jissodisfa l-limitu ta' żmien, huwa jsir responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm l-applikant ma jkunx minorenni mhux akkumpanjat.



Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni

Ladarba ssir applikazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni ssegwi. Ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni ssir mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li l-awtorità kompetenti ta' reġistrazzjoni tkun għamlet dan.


Ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tikkonsisti fl-għoti tal-informazzjoni meħtieġa lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu. Dan jirrikjedi r-reġistrazzjoni tal-informazzjoni personali tal-applikant, tad-dokumenti tal-identità, jew ta' dokumenti oħra li l-applikant jista' jkun qed iġorr miegħu, id-data u l-post tal-applikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt u l-post jew l-indirizz tal-applikant.



Meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata, jinħareġ dokument li jindika li r-reġistrazzjoni tkun tlestiet. L-applikant għandu jirċievi dokument li jindika dak il-fatt.

Huwa importanti li l-pajjiżi tal-UE+ ikunu stabbilew prattiki dwar l-identifikazzjoni b'mod effiċjenti u mhux ambigwu tal-mument ta' reġistrazzjoni. Id-dokument għandu jindika b'mod ċar id-data li fiha tkun saret ir-reġistrazzjoni. Din id-data għandha titqies bħala l-jum tal-bidu għall-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja skont l-AMMR.

Illustrazzjoni 3. Skedi ta' żmien stabbiliti fl-AMMR għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà



L-iskadenzi spjegati fl-Illustrazzjoni 3 huma marbuta mal-proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà, li tintuża f'każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja. L-unika eċċezzjoni hija li tintbagħat talba skont il-klawżola diskrezzjonali (l-Artikolu 35(2) tal-AMMR), li tista' ssir fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni dwar is-sustanza.

Il-pajjiż tal-UE+ li fih tkun irreġistrata l-applikazzjoni se jibgħat talba biex tittieħed responsabbiltà tal-eżami tal-applikazzjoni lill-pajjiż tal-UE+ fejn il-membru tal-familja tal-applikant ikun qed jirrisjedi legalment jew ikun legalment preżenti. Il-pajjiż tal-UE+ rikjest se jkollu xahar biex iwieġeb għat-talba. In-nuqqas ta' tweġiba se jirriżulta fl-aċċettazzjoni tar-responsabbiltà biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

It-talbiet u t-tweġibiet għandhom jintbagħtu malajr kemm jista' jkun. In-nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi għandu konsegwenzi f'termini ta' responsabbiltà. Peress li l-AMMR għandu l-għan li jiżgura li l-applikant ikollu aċċess effiċjenti u rapidu għall-proċedura tal-ażil, huwa importanti li jiġu stabbiliti skadenzi stretti li jiggarantixxu dan l-aċċess. Fl-istess ħin, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ikun impossibbli li jintlaħqu l-limiti ta' żmien.

L-AMMR jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għal sitwazzjonijiet bħal dawn, kif ġej.

- L-applikant irid jippreżenta d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha lill-awtoritajiet f'limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità nazzjonali. Jekk l-evidenza tiġi ppreżentata wara l-iskadenza ta' dan il-limitu ta' żmien, l-awtorità tal-pajjiż tal-UE+ xorta għandha l-obbligu li teżaminaha jekk il-limitu ta' żmien biex tintbagħat talba biex tittieħed responsabbiltà ikun għadu ma għaddiex.
- Minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien, id-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli tal-UE+ tista' tkompli anke wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien fil-każ ta' tfal mhux akkumpanjati.



Obbligi relatati mal-proċedura ta' traċċar tal-familja skont ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

Għoti ta' informazzjoni

Fl-AMMR, issir enfasi akbar fuq l-importanza tal-għoti ta' informazzjoni ⁽⁵⁾. Huwa kruċjali li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, inklużi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ma' dawn tal-aħħar.

Possibbiltajiet ta' traċċar tal-familja

L-applikant għandu jirċievi informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' traċċar tal-familja, li tinkludi l-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni tal-membri tal-familja jew tal-persuni dipendenti, ir-restawr jew iż-żamma tal-kuntatt u l-possibbiltà li jingħaqad mill-ġdid mal-membri tal-familja ⁽⁶⁾.

L-applikant għandu jiġi infurmat dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-unità tal-familja fl-AMMR, dwar id-dritt li jitlob u jirċievi l-mudell għat-traċċar tal-familja ⁽⁷⁾ u jiġi infurmat dwar l-iskadenzi għall-preżentazzjoni tiegħu, dwar persuni jew entitajiet li jistgħu jappoġġawh fil-mili tal-mudell u dwar organizzazzjonijiet nazzjonali, internazzjonali jew oħrajn li jistgħu jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-membri tal-familja.

Organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja

L-AMMR jistabbilixxi li l-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ għandhom l-obbligu li jiffaċilitaw l-aċċess tal-applikant għall-organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li persuna jkollha membru tal-familja jew persuna dipendenti fit-territorju tal-UE+, l-applikant għandu jiġi infurmat dwar l-organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinu biex jerġa' jiġi stabbilit il-kuntatt mal-membri tal-familja fil-pajjiż l-ieħor tal-UE+ u kif jistgħu jintalbu s-servizzi ta' traċċar. Għal dan l-għan, il-mudell tal-[Organizzazzjoni għat-traċċar tal-familja](#) jista' jintuża mill-pajjiżi tal-UE+. Tista' taqra aktar dwar l-organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja fil-parti I tal-*Gwida Prattika dwar it-traċċar tal-familja*.

Il-proċedura u l-intervista personali

L-applikant għandu jiġi infurmat ukoll dwar l-intervista personali, l-iskop u l-modalitajiet tagħha ⁽⁸⁾. L-iskop tal-intervista huwa li tesplora r-relazzjonijiet familjari tal-applikant, b'mod partikolari kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta'

⁽⁵⁾ L-Artikolu 19 tal-AMMR.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 19(1)(f) tal-AMMR.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 22(1) tal-AMMR jistabbilixxi:

Meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-applikant għandu membri tal-familja jew qrafa fi Stat Membru, l-applikant għandu jirċievi mudell, li għandu jiġi żviluppat mill-Aġenzija għall-Ażil. L-applikant għandu jimla dak il-mudell bl-informazzjoni disponibbli għalih sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Artikolu 39. Meta jkun possibbli, l-applikant għandu jimla dak il-mudell qabel l-intervista personali stabbilita f'dan l-Artikolu.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 19(1)(g) tal-AMMR.

membru tal-familja jew persuna dipendenti, qrafa jew kwalunkwe relazzjoni familjari oħra fil-pajjiżi tal-UE+. L-applikant jirċievi informazzjoni dwar il-mezzi biex jippreżenta informazzjoni, dokumenti relatati ma' rabtiet familjari u dwar l-assistenza li l-pajjiż tal-UE+ jista' joffri biex jittraċċa membri tal-familja jew qrafa.

Assistenza lill-applikant biex jikkomunika ma' organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja

Meta tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tat-traċċar, jew meta l-applikant jirċievi l-lista tal-organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja li jistgħu jiġu kkuntattjati, jista' jikkuntattja lil dawn l-organizzazzjonijiet. Fil-każ ta' tfal mhux akkumpanjati, ir-rappreżentant għandu jassisti lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet fl-għoti ta' informazzjoni li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u fl-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq it-traċċar tal-familja.

Konsulenza legali



Pubblikazzjoni tal-EUAA relatata

Il-gwida li se tiġi ppubblikata tal-EUAA dwar l-organizzazzjoni tal-konsulenza legali se tgħin lill-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ ifasslu sistema nazzjonali ta' konsulenza legali. Il-gwida se tiddekrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-kontenut tal-konsulenza legali, ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni u l-kwalifiki essenzjali għall-għoti ta' konsulenza legali.

Il-grupp fil-mira primarju ta' din il-gwida huwa l-manigġers tal-proċessi tal-awtoritajiet nazzjonali jew il-persunal responsabbli għall-istabbiliment u l-ġestjoni tal-organizzazzjoni tal-għoti ta' konsulenza legali kif ukoll l-uffiċjali responsabbli għall-proċeduri tal-akkwist u l-manigġers tal-kuntratti.

L-għoti ta' informazzjoni u l-appoġġ legali dwar il-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà huma elementi ewlenin biex tiżdied l-effettività tal-proċedura. Il-konsulenza legali hija differenti mir-rappreżentanza legali quddiem qorti jew tribunal. Hija wkoll differenti mill-għoti ta' informazzjoni legali lil grupp ta' persuni, mingħajr ebda rilevanza speċifika għall-każ individwali.

L-objettiv ta' konsulenza legali mingħajr ħlas huwa li tipprovdi gwida biex tappoġġa lill-applikant fil-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà. Għandha l-għan li tipprovdi informazzjoni dwar l-obbligi tal-applikant u pariri dwar il-possibbiltajiet relatati mal-applikazzjoni tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli tal-UE+. Din tista' tinkludi pariri u appoġġ lill-applikant biex jimla l-mudell għat-traċċar tal-familja. Tista' tinkludi wkoll konsulenza lill-applikant dwar kif jissostanzja t-talbiet tiegħu dwar ir-rabtiet familjari u tispjega x'tip ta' evidenza tista' tiġi ppreżentata biex jintwerew ir-relazzjonijiet familjari.



Il-pajjiżi tal-UE+ għandhom jiżguraw li l-applikant ikun jista' jaċċessa l-konsulenza legali. Dan is-servizz għandu jkun disponibbli għall-applikanti fi proċedura ta' teħid tar-responsabbiltà li jitolbuh mingħajr ħlas ⁽⁹⁾.

L-awtoritajiet jistgħu jorganizzaw l-għoti ta' konsulenza legali skont is-sistemi nazzjonali tagħhom. Il-konsulenza legali għandha tiġi pprovduta minn persuna jew entità li tkun ammissa jew permessa li tipprovdi tali servizzi skont il-liġi nazzjonali. Dawn l-entitajiet jistgħu jkunu wkoll organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, non-governmental organisations) li huma akkreditati skont il-liġi nazzjonali biex jipprovdu servizzi legali jew rappreżentanza lill-applikanti.



Suġġeriment prattiku: l-organizzazzjoni ta' konsulenza legali

L-awtoritajiet għandhom iżommu lista aġġornata ta' organizzazzjonijiet akkreditati, entitajiet jew persuni li jistgħu jipprovdu konsulenza legali lill-applikanti kif ukoll ħarsa ġenerali dwar it-tip ta' appoġġ li jistgħu jipprovdu. L-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-konsulenti legali jkollhom il-kwalifiki u l-għarfien espert meħtieġa biex ikunu jistgħu jipprovdu konsulenza rilevanti lill-applikant. Fejn possibbli, għandu jiġi żgurat li l-konsulenti legali jkollhom għarfien dwar il-proċedura u l-aspettattivi (relatati mal-obbligi tagħhom) li l-amministrazzjoni jkollha lejhom, skont iċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-applikant ikollu aċċess għas-servizzi li jkun jeħtieġ, kemm jekk tkun spjegazzjoni tal-kriterji ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà kif ukoll jekk ikun appoġġ biex timtela l-formola ta' traċċar tal-familja.



Prattika tajba: kooperazzjoni mal-NGOs dwar il-konsulenza legali

Xi awtoritajiet determinanti tal-pajjiżi tal-UE+ jaħdmu ma' NGOs li jipprovdu konsulenza legali lill-applikanti, inkluż li jagħtu pariri dwar il-każ tagħhom, jispjegaw l-evidenza li għandha tiġi ppreżentata u jiggwidaw lill-applikant matul il-proċedura. Dawn l-organizzazzjonijiet jikkooperaw b'mod attiv mal-Unità tal-AMMR responsabbli ⁽¹⁰⁾, pereżempju billi jiltaqgħu regolarment, jiddiskutu każijiet pendenti jew kumplessi u l-passi li jmiss. Din il-kooperazzjoni tista' tkun utli biex jiġu indirizzati kwistjonijiet u jingħata appoġġ lill-applikant u lill-membru tal-familja jew lill-persuna dipendenti matul il-proċedura kollha.

⁽⁹⁾ Il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsulenza legali huwa speċifikat fl-Artikolu 19(1)(l) tal-AMMR: *[l-applikant għandu jiġi infurmat dwar] id-dritt li [j]ingħata konsulenza legali mingħajr ħlas dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti fl-istadji kollha tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 21. Barra minn hekk, kif iddikjarat fl-Artikolu 21(1) tal-AMMR:*

L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw, b'mod effettiv, ma' konsulent legali jew kunsillier ieħor, ammiss jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti fl-istadji kollha tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli kif previst f'dan ir-Regolament.

⁽¹⁰⁾ L-awtorità tal-pajjiż tal-UE+ (l-unità) responsabbli għat-twettiq tal-proċedura biex jiġi ddeterminat il-pajjiż tal-UE+ responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 52 tal-AMMR.

Prijoritizzazzjoni

Enfasi u attenzjoni fuq il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja

Biex jiġu evitati ħinijiet twal ta' stennija u biex tiġi żgurata esplorazzjoni bir-reqqa tal-elementi kollha ta' każ, għandha ssir aktar enfasi b'mod ġenerali fuq ir-rabtiet familjari tal-applikant u l-post fejn jinsabu l-membri familjari jew il-persuni dipendenti fl-istadji kollha tal-proċedura. Dan biex jiġi żgurat li dawn il-każijiet jingħataw prijorità u jiġu indirizzati mill-uffiċjali responsabbli tal-każ.



Prattika tajba għal enfasi ġenerali fuq ir-riunifikazzjoni tal-familja

Li jkun hemm superviżuri ddedikati għar-“riunifikazzjoni tal-familja” fl-amministrazzjoni li jkunu mħarrġa fl-istadji rilevanti tal-proċedura (eż. l-iskrinjar, ir-reġistrazzjoni, id-determinazzjoni tar-responsabbiltà u l-akkoljenza) jista' jgħin biex tinżamm enfasi fuq il-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja. Is-superviżuri tar-riunifikazzjoni tal-familja jistgħu jappoġġaw uffiċjali tal-każijiet li jaħdmu ma' każijiet bħal dawn, jissorveljaw xogħolhom, jiggarrantixxu riferiment f'waqt u effettiv u l-kwalità tal-każijiet u jiżguraw segwitu xieraq.

Identifikazzjoni bikrija u konsultazzjoni

Bi skadenzi iqsar għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà, huwa importanti li jkun hemm proċedura fis-seħħ li tippermetti d-detezzjoni bikrija ta' każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja. Dan jiżgura li l-membri potenzjali tal-familja jkunu jistgħu jiġu identifikati malajr u li l-każijiet ikunu jistgħu jiġu riferuti lill-Unità tal-AMMR malajr kemm jista' jkun.

Prijoritizzazzjoni ta' każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja fiż-żewġ pajjiżi tal-UE+

Il-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja għandhom jingħataw prijorità kemm mill-pajjiż rikjedenti kif ukoll minn dak rikjest tal-UE+ fl-istadji kollha tal-proċedura ⁽¹⁾. Dan biex jiġi żgurat li l-ħinijiet ta' stennija jkunu iqsar u li l-elementi kollha ta' każ ikunu jistgħu jiġu esplorati fil-ħin.

⁽¹⁾ Il-premessa 54, l-Artikoli 23(1), 39(1), 40(1) u 46(1) tal-AMMR.



Prattika tajba għall-prijoritizzazzjoni fl-Unitajiet tal-AMMR

Sabiex tiġi żgurata l-prijoritizzazzjoni, il-każijiet li jiġu riferuti lill-Unità tal-AMMR jistgħu jiġu skrinjati biex jiġi identifikat jekk hemmx xi każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja riferuti lill-unità. F'ambjent diġitalizzat, l-iskrinjar jista' jsir awtomatikament mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet abbażi ta' kliem ewlieni, tags jew modalitajiet oħra. F'ambjent mhux diġitalizzat, il-każijiet riferuti jistgħu jiġu skrinjati minn membru tal-persunal li jista' jidentifika każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja.

L-iskrinjar tal-każijiet li jidhru jista' jgħin ukoll fil-prijoritizzazzjoni fil-pajjiż riċeventi tal-UE+. Meta tasal talba biex tittieħed responsabbiltà, għandu jiġi vverifikat jekk dan huwiex każ ta' riunifikazzjoni tal-familja. Każ jista' jiġi identifikat bħala każ ta' riunifikazzjoni tal-familja abbażi tal-linja tas-suġġett tal-messaġġ riċevut jew fuq il-bażi legali tat-talba.

Wara l-iskrinjar, il-każ għandu jiġi assenjat immedjatament lil uffiċjal tal-każ li għandu jkompli l-eżami tal-każ u jagħti prijorità lill-każijiet tal-familja fl-ammont ta' xogħol tiegħu.

Kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-AMMR, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet

L-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ u l-organizzazzjonijiet rilevanti, bħal daww qasam tat-traċċar tal-familja, għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex isibu u jidentifikaw il-membri tal-familja tal-applikanti fil-pajjiżi tal-UE+. Huwa importanti li s-sħab kollha involuti fil-proċedura jikkooperaw ma' xulxin biex jesploraw l-aspetti kollha ta' każ u jqisu l-fehmiet kollha biex jieħdu deċiżjoni infurmata. Kemm il-pajjiż tal-UE+ rikjedenti kif ukoll dak rikjest għandhom l-obbligu li jivverifikaw l-informazzjoni.



Prattika tajba: kooperazzjoni mal-NGOs fit-traċċar tal-familja

Xi Unitajiet tal-AMMR għandhom relazzjonijiet ta' ħidma tajbin ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, NGOs jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma speċjalizzati fit-traċċar tal-familja. Il-kooperazzjoni ma' dawn l-organizzazzjonijiet speċjalizzati tista' tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti.

Fi Franza, Safe Passage huwa sieħeb attiv fil-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja. Huma jappoġġaw lill-applikant b'informazzjoni u jiggwidawh matul il-proċedura, billi jirrestawraw jew iżommu kuntatt mal-membri tal-familja. Huma jappoġġaw lill-Unità Franċiża ta' Dublin bil-ġbir ta' informazzjoni rilevanti, tal-evidenza u fil-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni tal-membri tal-familja fil-pajjiż l-ieħor tal-UE+.

Il-proattività tal-fornituri tal-informazzjoni, l-uffiċjali tal-każ, ir-rappreżentanti u l-applikant

Huwa importanti li jittieħed approċċ proattiv f'każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja biex jintalbu b'mod attiv possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja. Il-fornitur tal-informazzjoni, l-uffiċjal tal-każ, kwalunkwe persuna li twettaq l-intervista personali jew ir-rappreżentant għandu jhegħgeġ lill-applikant jippreżenta informazzjoni dwar il-membri tal-familja u jagħmel mistoqsijiet dwar il-preżenza ta' membri tal-familja jew persuni dipendenti fil-pajjiżi tal-UE+. L-applikant għandu wkoll ifittex b'mod attiv possibbiltajiet għar-riunifikazzjoni.

L-iżgurar ta' riżorsi suffiċjenti fi ħdan l-Unità tal-AMMR

Sabiex il-proċedura tkun effettiva, huwa kruċjali li tiġi żgurata biżżejjed kapacià fi ħdan it-tim jew it-timijiet li jitrattaw it-talbiet li jidħlu u t-talbiet li joħroġu. Għandu jkun hemm persunal iddedikat li jkun imħarreġ biex jaħdem ma' każijiet ta' tfal u familji fil-proċeduri kollha. Barra minn hekk, l-awtoritajiet għandu jkollhom ukoll biżżejjed riżorsi u għodod fis-seħħ biex jissalvagwardjaw id-drittijiet proċedurali u fundamentali tal-applikanti u jiżguraw proċeduri rapidi għar-riunifikazzjoni tal-membri tal-familja.

Kif huwa speċifikat fl-Artikolu 6(2)(b) u fl-Artikolu 52 tal-AMMR, huwa obbligu legali għall-pajjiżi tal-UE+ li l-awtoritajiet rilevanti jkollhom ir-riżorsi umani, materjali u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom relatati mad-determinazzjoni tar-responsabbiltà. Huwa utli li l-awtoritajiet iwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet biex jistabbilixxu r-riżorsi suffiċjenti meħtieġa biex iwettqu l-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja b'mod effettiv u rapidu.

Meta jikkalkulaw ir-riżorsi meħtieġa, l-awtoritajiet jistgħu jqisu l-punti li ġejjin.

- **L-għadd medju ta' applikanti jew l-ammont ta' xogħol ġenerali u l-proporzjon ta' każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja**

Meta jitqies il-proporzjon medju tal-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja meta mqabbel mal-ammont ta' xogħol ġenerali, tista' tingħata stima dwar l-għadd neċessarju ta' persunal meħtieġ biex jaħdem fuq dawn il-każijiet. Jekk l-unità normalment tibgħat jew tirċievi għadd ta' talbiet oġġla għal riunifikazzjoni tal-familja, huwa utli li jkun hemm tim dedikat li jiffoka fuq każijiet bħal dawn kemm jekk fuq in-naħa ta' daww li jidħlu kif ukoll fuq in-naħa ta' daww li joħroġu. Fejn l-għadd medju ta' każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja jkun baxx, jistgħu jitħarrġu ftit uffiċjali tal-każijiet biex jaħdmu ma' każijiet relatati mal-familja.

- **It-tul medju ta' żmien li jeħtieġu l-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja**

Huwa utli li jiġi eżaminat kemm huwa meħtieġ żmien għal każ ta' riunifikazzjoni tal-familja b'suċċess mill-mument tar-reġistrazzjoni sat-trasferiment. Meta jitqiesu l-iskadenzi stretti fl-AMMR u r-rekwiżit ta' prijoritizzazzjoni, huwa rakkomandabbli li tiżdied il-kapacià jekk il-proċedura ta' ħruġ, inkluż it-trasferiment, tiegħu aktar minn sitt xhur. BI-istess mod, jekk l-unità ma tkunx tista' tittratta l-każijiet li jkunu deħlin bi prijorità jew ma jkollhiex biżżejjed żmien biex tivvaluta l-każijiet kif xieraq, ta' min wieħed iqis żieda fil-kapacià.



It-talbiet għal informazzjoni għandhom rwol kruċjali fi proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja, għalhekk għandha tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti għat-talbiet u t-tweġibiet f'waqthom kemm għall-każijiet li jidhru kif ukoll għal dawk li joħorġu.

- **L-għadd ta' persunal li huwa mħarreġ biex jitratta każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja**

Huwa importanti li jiġi vvalutat jekk huwiex imħarreġ l-għadd meħtieġ ta' persuni. Sabiex wieħed iħejji għall-varjazzjonijiet fl-ammont ta' persunal, l-aħjar li jkun hemm aktar uffiċjali mħarrġa mill-għadd attwali ta' persuni li jaħdmu fuq każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

- **Meħtieġa potenzjali għal punti fokali għar-riunifikazzjoni tal-familja**

F'xi pajjiżi tal-UE+, speċjalment fejn l-għadd ta' każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja jkun għoli, huwa utli li jkun hemm punt fokali li jista' jiġi kkuntattjat mill-partijiet ikkonċernati interni fejn meħtieġ. Pereżempju, punt fokali jista' jiġi kkuntattjat b'mistoqsijiet relatati mar-reġistrazzjoni, mar-riferiment, mal-identifikazzjoni ta' każ potenzjali tal-familja, mal-użu tal-mudell għat-traċċar tal-familja jew ma' trasferiment.

- **Assigurazzjoni tal-kwalità u mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-għarfien**

Hija meħtieġa kapaċità suffiċjenti biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-monitoraġġ tal-proċessi u l-ġestjoni tal-għarfien.

Huma meħtieġa riżorsi biex tiġi żgurata l-kwalità tal-proċedura, li tinkludi l-kwalità ġenerali tat-talbiet u tat-tweġibiet, il-kompletezza tal-fajls u l-monitoraġġ tal-effiċjenza ġenerali tal-proċedura. L-assigurazzjoni tal-kwalità tista' tiġi implimentata fil-prattika bl-użu ta' għodod (eż. listi ta' kontroll, għodod diġitali permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet) jew minn persunal speċifiku, bħal mexxejja tat-tim jew superviżuri.

Huwa importanti wkoll li b'mod regolari tiġi mmonitorjata l-proċedura, jiġu rieżaminati l-proċessi interni, jinżamm rekord tal-ħinijiet tal-ipproċessar, jiġu identifikati l-konġestjonijiet jew in-nuqqasijiet fil-proċess u jiġu mfittxija s-soluzzjonijiet.

Il-ġestjoni tal-għarfien hija kruċjali fl-assigurazzjoni tal-kwalità. Il-fatt li jkun hemm l-għodod meħtieġa, bħal linji gwida, repożitorju ta' informazzjoni u materjali ta' referenza jista' jappoġġa lill-uffiċjali tal-każ fil-ħidma tagħhom. L-għodod għall-ġestjoni tal-għarfien jeħtieġ li jiġu rieżaminati u aġġornati regolarment.

**Suġġeriment prattiku: l-iżgurar ta' riżorsi suffiċjenti fi ħdan l-awtoritajiet**

Meta tikkalkula r-riżorsi meħtieġa, qis li diversi awtoritajiet jistgħu jkunu involuti fit-traċċar tal-familja jew fir-riunifikazzjoni tal-familja. Anke jekk il-funzjoni ewlenija tal-awtorità mhijiex relatata mat-traċċar tal-familja, xorta jista' jkun hemm bżonn li jiġu allokat xi riżorsi biex jitwettqu kompiti għat-traċċar tal-familja.

Il-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera, l-uffiċjali tar-reġistrazzjoni u l-persunal tal-akkoljenza jridu jkunu konxji mill-obbligi tagħhom fid-detezzjoni ta' membri potenzjali tal-familja ta' applikant fil-pajjiżi tal-UE+. Huwa meħtieġ għadd adegwat ta' persunal imħarreġ fl-istadji proċedurali kollha biex iwettaq dmirijietu, li jista' jinkludi l-kompiti li ġejjin għall-persunal issuġġerit.

- Ġbir ta' informazzjoni u dokumenti mill-applikanti (eż. il-persunal tal-akkoljenza).
- Twettiq ta' intervista personali (fir-reġistrazzjoni jew matul id-determinazzjoni tar-responsabbiltà) (eż. uffiċjali tal-każ).
- Verifika tad-dokumenti, l-informazzjoni, l-informazzjoni medika jew informazzjoni oħra, mal-wasla (eż. il-pulizija, l-esperti forensiċi, l-esperti tad-dokumenti jew l-esperti tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini).
- Traduzzjoni ta' kwalunkwe dokument meħtieġ. Dan jirrikjedi, pereżempju, li ċertu numru ta' tradutturi interni jew grupp ta' tradutturi esterni jkunu dejjem disponibbli għat-traduzzjoni fejn meħtieġ għal valutazzjoni bir-reqqa tal-evidenza (eż. tradutturi interni jew grupp ta' tradutturi).
- Żamma ta' kuntatt mal-applikant, mar-rappreżentant jew ma' partijiet ikkonċernati oħra (kompitu għall-Unità tal-AMMR u/jew għall-persunal tal-akkoljenza).




Organizzazzjoni pass pass tal-proċedura ta' traċċar tal-familja

L-identifikazzjoni ta' membri potenzjali tal-familja ta' applikant hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+. Għalhekk, huma għandhom jistaqsu dwar il-preżenza ta' membri tal-familja jew persuni dipendenti tal-applikant fit-territorju tal-UE+ u jagħmlu fihom biex jillocalizzawhom u jidentifikawhom. F'dan ir-rigward, it-traċċar tal-familja huwa kontinwu. L-uffiċjali f'kuntatt mal-applikant għandhom responsabbiltà fit-traċċar tal-familja irrISPettivament mill-istadju tal-proċedura sakemm tittieħed deċiżjoni dwar is-sustanza tal-applikazzjoni.

Hawn taħt hawn dijagramma sekwenzjali li turi l-passi ewlenin tat-traċċar tal-familja mill-iskrinjar sad-determinazzjoni tar-responsabbiltà.

Illustrazzjoni 4. Dijagramma sekwenzjali tat-traċċar tal-familja għall-AMMR



Il-gwida pass pass li ġejja telenka kull stadju tal-proċess fejn it-traċċar tal-familja huwa possibbli. Tispjega l-azzjonijiet possibbli li jistgħu jsiru biex jiġu traċċati l-membri tal-familja ta' applikant. Il-kaxxi fl-aħħar ta' kull paragrafu jenfasizzaw il-passi ewlenin li jistgħu jikkontribwixxu għall-prioritizzazzjoni tal-każ u biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni ta' rabtiet familjari potenzjali.

1. Skrinjar

X'jiġri fil-fażi tal-iskrinjar fir-rigward tat-traċċar tal-familja?

- L-informazzjoni tiġi ppreżentata lill-Eurodac.
- Jiġi riċevut riżultat ta' qbil mal-Eurodac, jekk disponibbli, b'informazzjoni dwar il-persuna.
- Isiru disponibbli r-riżultat ta' qbil mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, jekk ikun hemm.
- L-informazzjoni dwar il-vulnerabbiltà ssir evidenti.
- L-informazzjoni inizjali dwar il-membri tal-familja tinġabar permezz tal-formola tal-iskrinjar ⁽¹²⁾.

Minħabba l-importanza tar-rabtiet familjari, l-applikanti li jista' jkollhom membri tal-familja fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+ għandhom jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun. Għat-tfal mhux akkumpanjati, huwa kruċjali li jiġu ssodisfati s-salvagwardji proċedurali u li jinħatar gwardjan malajr kemm jista' jkun. Dan jiżgura li s-sikurezza tat-tfal titqies kif xieraq meta jinbeda l-proċess.

F'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1356 ⁽¹³⁾, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qasmi l-fruntiera esterna mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul u li jkunu applikaw għall-protezzjoni internazzjonali matul il-kontrolli fil-fruntieri, jew dawk li jkunu ġew żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, għandhom jgħaddu minn proċedura ta' skrinjar qabel ma jiġu riferuti għall-proċeduri xierqa.

L-oġettiv tal-iskrinjar huwa li jissaħħa il-kontroll ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jaqsmu l-fruntieri esterni, li jiġi identifikat kull individwu u li jsir kontroll mad-data tagħhom f'bażijiet tad-data rilevanti biex jiġi vverifikat jekk humiex ta' theddida għas-sigurtà interna. Matul l-iskrinjar, l-informazzjoni dwar il-persuna tiġi ppreżentata lill-Eurodac. Jekk id-data tal-persuna tkun diġà ġiet irreġistrata fis-sistema, jiġi riċevut riżultat ta' qbil mal-Eurodac. Informazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża jew is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' wkoll issir disponibbli f'dan l-istadju. Barra minn hekk, l-iskrinjar jinkludi wkoll kontrolli preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà, u huwa għalhekk li jistgħu potenzjalment jiġu identifikati sitwazzjonijiet ta' dipendenza. Għalhekk, l-iskrinjar jappoġġa r-riferiment għal proċeduri xierqa.

Indikazzjoni tal-preżenza ta' membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+

L-iskrinjar mhuwiex parti mill-proċedura tal-ażil iżda permezz tal-ġbir ta' informazzjoni dwar membri potenzjali tal-familja, jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' rabtiet familjari

⁽¹²⁾ Il-formola tal-iskrinjar skont l-Artikolu 17 tar-[Regolament \(UE\) 2024/1356](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024).

⁽¹³⁾ [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1356](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024).



potenzjali ta' applikant fi stadju bikri. L-awtoritajiet li jwettqu l-proċess ta' skrinjar għandhom jimlew il-formola tal-iskrinjar. Din il-formola teħtieġ li l-awtoritajiet jimlew il-formola bl-informazzjoni pprovduta mill-persuna kkonċernata, inkluż jekk għandhomx membri tal-familja li jinsabu fit-territorju ta' kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi tal-UE+.

Riferiment immedjat għall-proċedura xierqa

Fejn il-persuna tiddikjara li għandha membri tal-familja fit-territorju tal-UE+, il-każ għandu jiġi riferut minnufih lill-awtoritajiet xierqa, pereżempju, lill-awtorità li se tirreġistra t-talba għall-ażil tal-persuna. Wara riferiment għall-proċedura xierqa, huwa ta' importanza kbira li **jiġu mmarkati l-każijiet kollha li għalihom jiġu identifikati rabtiet familjari potenzjali**. Dan jippermetti lill-awtorità ta' reġistrazzjoni tagħti prijorità lill-każijiet ta' applikanti li jista' jkollhom membri tal-familja fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+.



L-identifikazzjoni ta' rabtiet familjari potenzjali fil-fażi ta' skrinjar

- L-applikant (adult jew tifel/tifla) jiġi mistoqsi dwar fejn jinsabu l-membri tal-familja tiegħu, b'mod partikolari rigward dawk il-membri preżenti fil-pajjiżi tal-UE+.
- L-applikant jiġi informat dwar il-possibbiltà li jerġa' jingħaqad ma' membru tal-familja f'pajjiż tal-UE+.
- Il-mili tal-formola tal-iskrinjar. Ara li jitwieġbu l-mistoqsijiet dwar il-preżenza ta' membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+.
- Il-verifika ta' jekk informazzjoni dwar il-membri tal-familja hijiex disponibbli fil-bażijiet ta' data rilevanti (eż. jekk tqegħditx twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-membri tal-familja li jkun sar tiftix fuqhom).
- Ir-riferiment tal-każ għall-proċedura xierqa.



Prattika tajba: prijoritizzazzjoni fl-iskrinjar

Il-pajjiżi tal-UE+ jistgħu jiddeċiedu li jxerrdu l-mudell għat-traċċar tal-familja lill-persuni kollha li, matul l-iskrinjar, jiddikjaraw li jkollhom membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+. Meta l-mudell għat-traċċar tal-familja jingħata lill-persuna, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' traċċar, kif għandu jimtela l-mudell u fejn u kif il-persuna tista' titlob appoġġ biex timlieh. Għalhekk, il-mudell għat-traċċar tal-familja diġà jkun jista' jingħata lill-applikant fl-istadju meta ssir l-applikazzjoni.



2. Reġistrazzjoni

X'jiġri fil-fażi tar-reġistrazzjoni fir-rigward tat-traċċar tal-familja?

- Dn hija l-bidu tal-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà u l-limiti ta' żmien jibdw jgħoddu.
- F'dan il-pass, hemm possibbiltà għal identifikazzjoni bikrija ta' każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja.
- Tingħata informazzjoni lill-applikant, inkluż dwar l-AMMR.
- Isseħħ l-intervista tar-reġistrazzjoni, li tista' tiġi kkombinata mal-intervista tal-AMMR.
- Jistgħu jiġu identifikati indikaturi tar-responsabbiltà tal-AMMR.
- Il-mudell għat-traċċar tal-familja jiġi pprovdut lill-applikant, fejn possibbli, sakemm ma jkunx ġie pprovdut qabel.

Għarfien dwar il-limiti ta' żmien

F'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 (APR, Asylum Protection Regulation) ⁽¹⁴⁾, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tiġi rreġistrata fi żmien ħamest ijiem minn meta tkun saret. Ftakar li d-data tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni hija d-data tal-bidu għall-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà f'każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

F'konformità mal-Artikolu 27(1)(a) tal-APR, ir-reġistrazzjoni trid tinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar l-applikant:

- l-isem tal-applikant;
- id-data u l-post tat-twelid;
- il-ġeneru;
- in-nazzjonalitajiet jew il-fatt li l-applikant huwa apolidu;
- il-membri tal-familja preżenti f'pajjiż tal-UE+ jew il-persuni dipendenti (kif ukoll aħwa u qraba, fil-każ ta' tfa mhux akkumpanjati) ⁽¹⁵⁾;
- kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tkun rilevanti għad-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli tal-UE+.

L-identifikazzjoni ta' membri potenzjali tal-familja ta' applikant fil-pajjiż tal-UE+

Il-mili tal-formola ta' reġistrazzjoni jew l-ikkomplementar ta' kwalunkwe miżura li tkun inbdiet matul il-fażi ta' skrinjar jistgħu jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni ta' rabtiet familjari potenzjali. Fil-fażi tar-reġistrazzjoni, l-applikant għandu jerġa' jiġi mistoqsi jekk għandux membri tal-familja jew persuni dipendenti li jinsabu fit-territorju ta' kwalunkwe pajjiż tal-UE+.

⁽¹⁴⁾ [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1348](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024).

⁽¹⁵⁾ L-Artikolu 27(1)(a) tal-APR.



Jekk iva, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-possibbiltà li l-membri tal-familja jiġu riunifikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-AMMR. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-applikant. Fejn possibbli, il-mudell għat-traċċar tal-familja għandu jiġi pprovdut lill-applikant diġà f'dan l-istadju biex jgħin fil-prijorizzazzjoni.

Għoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-applikant

L-għoti ta' informazzjoni huwa kruċjali f'dan l-istadju. Huwa importanti li jittieħed approċċ proattiv biex l-applikant jitħeġġeġ jippreżenta informazzjoni dwar il-membri tal-familja. L-għoti tal-elementi ewlenin tal-informazzjoni bil-fomm u l-għoti ta' opportunità lill-applikant biex jagħmel mistoqsijiet jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex tinbena l-fiduċja u jiġi żgurat li l-informazzjoni tinftiehem b'mod korrett.

L-applikant għandu jifhem li huwa l-obbligu tiegħu li jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar il-membri tal-familja jew il-persuni dipendenti, li jippreżenta evidenza għad-dikjarazzjonijiet tiegħu u li kemm l-applikant kif ukoll il-membri tal-familja huma meħtieġa jagħtu l-kunsens tagħhom għar-riunifikazzjoni jekk ikunu lesti li jingħaqdu mill-ġdid. Jekk l-applikant ma jixtieqx jerġa' jingħaqad mill-ġdid mal-membri tal-familja, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet dwar dan malajr kemm jista' jkun. Anke jekk il-kunsens ikun diġà ngħata, dan jista' jiġi rtirat.

Jekk, minkejja li jkun ġie infurmat dwar id-dritt ta' riunifikazzjoni ma' membru tal-familja, l-applikant volontarjament jonqos milli jipprovdi informazzjoni dwar il-membri tal-familja, jiċċaqlaq u japplika għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor tal-UE+, ma jibqax possibbli għalih li jitlob l-applikazzjoni tal-klawżoli ta' riunifikazzjoni tal-familja fl-AMMR.

L-applikant għandu jiġi pprovdut ukoll b'informazzjoni dwar l-iskadenzi tal-proċedura. Jekk l-awtoritajiet ikollhom limiti ta' żmien speċifiċi għall-preżentazzjoni ta' dokumenti, dawn għandhom jiġu spjegati.

Fil-każ ta' tfal mhux akkumpanjati, huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni b'mod adattat għat-tfal u adattat għall-età. L-għoti ta' informazzjoni għandu jinvolti wkoll id-distribuzzjoni tal-fuljetti ta' informazzjoni rilevanti. Dawn il-fuljetti jistgħu jiġu appoġġati aktar, pereżempju, minn posters imqiegħda fil-kmamar ta' stennija, li jispjegaw il-possibbiltà ta' riunifikazzjoni tal-familja u l-obbligi tal-applikant li jipprovdi informazzjoni dwar il-membri tal-familja.



L-identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' traċċar tal-familja fil-fażi tar-reġistrazzjoni

L-uffiċjal tar-reġistrazzjoni għandu:

- Jistaqsi lill-applikant jew, fil-każ ta' tfal, lit-tfal u lir-rappreżentant dwar il-preżenza ta' membri tal-familja, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-UE+, u jirreġistra t-tweġiba tagħhom fil-formola ta' reġistrazzjoni.





L-identifikazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' traċċar tal-familja fil-fażi tar-reġistrazzjoni

- Jinforma lill-applikant dwar il-possibbiltà li jingħaqad mill-ġdid ma' membru tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+.
- Jinforma lill-applikant dwar il-possibbiltà li jitlob u jirċievi l-mudell għat-traċċar tal-familja.
- Jinforma lill-applikant dwar il-possibbiltà li jitlob appoġġ fil-mili tal-mudell u li jaċċessa konsulenza legali.
- Jinforma lill-applikant dwar id-dritt tiegħu li jitlob l-assistenza ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinuh jittraċċa l-membri tal-familja tiegħu.
- Jinforma lill-applikant dwar kif għandu jipprovdi dokumenti u informazzjoni dwar ir-rabtiet familjari u l-iskeda ta' żmien biex jagħmel dan.
- Jinforma lill-applikant dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni.
- Jinforma lill-applikant li kemm l-applikant kif ukoll il-membri tal-familja jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għar-riunifikazzjoni bil-miktub.
- Meta l-applikant jiddikjara li għandu membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+, jimmarka l-każ għal riferiment sabiex ikun aktar faċli li jiġi identifikat u pprijorizzat.

Possibbiltà li tiġi organizzata l-intervista tar-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni

Skont il-mod kif tiġi organizzata l-proċedura f'pajjiżek, tista' ssir intervista personali, li tiffoka fuq l-esplorazzjoni tal-kriterji ta' responsabbiltà fil-fażi tar-reġistrazzjoni jew aktar tard, wara riferiment lill-Unià tal-AMMR. Tista' taqra aktar dwar it-traċċar tal-familja matul l-intervista personali fit-Taqsima [L-organizzazzjoni tal-intervista personali](#).

Mudell għat-traċċar tal-familja

L-Artikolu 22(1) tal-AMMR jistabbilixxi li l-applikant għandu d-dritt li jitlob u jirċievi l-mudell dwar it-traċċar tal-familja. L-EUAA żviluppat din il-formola għall-identifikazzjoni u t-traċċar tal-membri tal-familja għall-adulti u għat-tfal mhux akkumpanjati ⁽¹⁶⁾.

Huwa importanti li anke jekk it-tfal ikollhom kapaċità legali f'ċertu pajjiż tal-UE +, dejjem ikun ir-rappreżentant jew il-gwardjan tat-tfal li jimla l-formola. Il-kapaċità legali tat-tfal hija rregolata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għalhekk, it-tfal jista' jkollhom kapaċità legali f'pajjiż wiehied u jista' ma jkollhomx kapaċità legali f'ieħor.

⁽¹⁶⁾ L-EUAA, [Formola ta' Traċċar tal-Familja – Adult](#), 2025 u l-EUAA, [Formola ta' Traċċar tal-Familja – Tfal](#), 2025.

Illustrazzjoni 5. Formola ta' traċċar tal-familja – għall-adulti (il-paġna ta' quddiem u l-Parti 1 tal-formola)



FAMILY TRACING FORM FOR ADULT APPLICANTS

Name of the EU+ country	
Address of the national authority	
EU+ country specific information on how and where to submit this form	This is a placeholder for EU+ countries to include the relevant modalities concerning the submission of this form. How should this form be submitted? To which address? By whom?

Family Tracing Form (Adult)

Why have I been given this form?

The authorities in this country have given you this form because you have applied for international protection and said you have a family member in a Member State of the European Union or an associated country (referred to as the EU+ countries).

The Member States of the European Union are Belgium, Bulgaria, Czechia, Denmark, Germany, Estonia, Ireland, Greece, Spain, France, Croatia, Italy, Cyprus, Latvia, Lithuania, Luxembourg, Hungary, Malta, the Netherlands, Austria, Poland, Portugal, Romania, Slovenia, Slovakia, Finland and Sweden. The four associated countries are Iceland, Liechtenstein, Norway and Switzerland.

The information you provide in this form will help the authorities in this country find your family members, prioritise your case and find the EU+ country that should examine your application. As you have family members in another EU+ country, the country where your family member is present may be responsible for examining your application.

Important: Let the authorities know if you need any support filling in this form.

Why have I been asked to fill in this form?

The authorities in this country need to know if you have family members in any of the EU+ countries. If you do, the country where they are residing might be responsible for handling your application.

The authorities in this country also want to help you reunite with your family members in the EU+ countries if you want to be with them. If you want to be reunited with your family member, let us know and we will explore if this is possible and try to make this happen. If you do not want to be reunited, tell us as soon as possible.



FAMILY TRACING FORM FOR ADULT APPLICANTS

PART 1. PERSONAL INFORMATION OF THE APPLICANT

Case number:

First name	
Surname	
Age	
Gender	
Date of birth (day/month/year)	
Place of birth	
Date of departure from country of origin	
Nationality/ies	
Address/accommodation	
Contact details (email address, social media account, phone number)	

☐ I confirm that I have a family member who is residing in an EU+ country.

My family member is (multiple options can be selected)	☐ my spouse or unmarried partner (Part 2) ☐ minor child (Part 3) ☐ person dependent on my assistance or I depend on this person's assistance (Part 4)
--	--

Other relevant information

Date and signature of the applicant

Illustrazzjoni 6. Formola ta' traċċar tal-familja – għal tfal mhux akkumpanjati (il-paġna ta' quddiem u l-Parti 1 tal-formola)



FAMILY TRACING FORM FOR UNACCOMPANIED CHILD APPLICANTS

Name of the EU+ country	
Address of the national authority	
EU+ country specific information on how and where to submit this form	This is a placeholder for EU+ countries to include the relevant modalities concerning the submission of this form. How should this form be submitted? To which address? By whom?

Family Tracing Form (Child)

This form is to be filled in by the guardian/representative (s) of the child. The guardian/representative should read the form all the way through with the child and explain all the details.

Why have I been given this form?

You are in a foreign country and you are alone. You have applied for asylum and told someone that you have family members in a Member State of the European Union or an associated country (referred to as the EU+ countries).

The Member States of the European Union are Belgium, Bulgaria, Czechia, Denmark, Germany, Estonia, Ireland, Greece, Spain, France, Croatia, Italy, Cyprus, Latvia, Lithuania, Luxembourg, Hungary, Malta, the Netherlands, Austria, Poland, Portugal, Romania, Slovenia, Slovakia, Finland and Sweden. The four associated countries are Iceland, Liechtenstein, Norway and Switzerland.

The authorities in this country want to help you find your family and be reunited with them again. That is why they are giving you this form to fill in. You need to tell the authorities in this country information about your family, such as who they are, where they live and how to contact them.

You do not have to fill out the form by yourself. A special helper, called a guardian, will help you. If you need more help, you can also ask other people, such as case officers, reception staff and legal advisors.

Why have I been asked to fill in this form?

The authorities in this country need to know if you have family members in any of the EU+ countries. If you do, the country where they live might be responsible for handling your application.

(*) In this form, in accordance with the legislative framework detailed in the R2AA, Practical Guide on Family Tracing, 2023, Section 'Terminology', the terms 'representative' and 'guardian' are used interchangeably.



FAMILY TRACING FORM FOR UNACCOMPANIED CHILD APPLICANTS

PART 1. PERSONAL INFORMATION OF THE CHILD

Case number:

First name	
Surname	
Age	
Gender	
Date of birth (day/month/year)	
Place of birth	
Date of departure from country of origin	
Nationality/ies	
Address/accommodation	
Contact details (email address, social media account, phone number)	

Contact details of the guardian

First name	
Surname	
Phone number	
Email address	

☐ I confirm that I have a family member who is staying in an EU+ country.

My family member is (multiple options can be selected)	☐ my parent (mother or father) (Part 5) ☐ my sibling (brother or sister) (Part 2) ☐ my aunt or uncle (Part 3) ☐ my grandparent (grandmother or grandfather) (Part 4) ☐ other family relation (Part 5) (please specify):
--	--

Other relevant information:

Date and signature of the guardian/representative

X'inhū l-iskop tal-formola ta' traċċar tal-familja?

L-oġġettiv tal-formola huwa li jiġi żgurat li r-rabtiet familjari potenzjali tal-applikant jiġu identifikati fi stadju bikri. Il-formola tista' taqdi wkoll l-iskop li tiġi identifikata r-rieda tal-applikant li jingħaqad mill-ġdid ma' membru tal-familja u tista' tindika lill-applikant liema dokumenti jew evidenza jistgħu jkunu meħtieġa aktar tard. Il-ġbir tad-dokumenti/tal-evidenza kollha disponibbli dwar ir-rabtiet familjari huwa importanti minħabba li jgħin fit-traċċar tal-membri tal-familja jekk l-applikant ikun tilef il-kuntatt.

L-applikant meta għandu jirċievi l-formola?

Il-formola għandha tingħata lill-applikant malajr kemm jista' jkun, idealment fl-istadju ta' meta ssir applikazzjoni jew matul ir-reġistrazzjoni, iżda fi kwalunkwe każ, għandha tiġi pprovduta mhux aktar tard mill-intervista personali. Il-formola tista' tingħata lill-applikant fi kwalunkwe stadju meta jiġi identifikat li l-applikant jista' jkollu rabtiet familjari potenzjali f'pajjiż tal-UE+. Fi kwalunkwe każ, għandha tiġi pprovduta fi żmien raġonevoli qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien biex tintbagħat talba biex tittieħed responsabbiltà.



L-aħjar prattika: il-forniment tal-formola qabel ir-reġistrazzjoni

L-aħjar prattika tkun li l-formola tingħata qabel jew matul ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Jekk, fl-istadju tal-iskrinjar, il-persuna tkun diġà indikat li għandha membri tal-familja fit-territorju tal-UE+, l-informazzjoni mill-formola tal-iskrinjar diġà tkun tista' tiġi estratta u inkluża fil-formola tat-traċċar tal-familja. F'dan il-każ, l-applikant għandu jkollu l-oportunità li jivverifika, jikkonferma jew jikkoreġi l-informazzjoni jew iżid informazzjoni ġdida.

Min għandu jimla l-formola?

L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li għandhom membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+ għandhom jimlew il-formola jekk jitqiesu li huma kapaċi jifhmuha u jimlewha. Inkella, l-awtorità għandha tipprovi appoġġ biex tiżgura li l-applikant ikun jista' jikkonforma mad-drittijiet u l-obbligi tiegħu, speċjalment meta jitqiesu kwalunkwe vulnerabbiltà jew ħtieġa proċedurali speċjali. L-applikanti għandhom jiġu infurmati dwar kif jistgħu jitolbu appoġġ biex jimlew il-formola. Jekk l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, il-gwardjan/ir-rappreżentant għandu jimla l-formola.

X'informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-applikant dwar il-formola?

L-applikant għandu jiġi infurmat dwar il-possibbiltà li jingħaqad mill-ġdid ma' membru tal-familja għall-fini li l-applikazzjoni tiegħu tiġi eżaminata mill-pajjiż tal-UE+ fejn ikun qed joqgħod il-membri tal-familja.

Il-pajjiżi tal-UE+ għandhom iżidu informazzjoni speċifika dwar kif għandhom jippreżentaw il-formola, pereżempju, permezz tal-posta elettronika, bil-posta jew personalment, fejn għandha tiġi ppreżentata l-formola u sa meta, jekk il-pajjiż ikollu skadenza speċifika għal dan.



Huma għandhom jiġu infurmati wkoll dwar l-iskop tal-formola, kif għandha timtela u liema organizzazzjonijiet jistgħu jappoġġawhom matul il-proċedura, speċjalment jekk jixtiequ jitolbu l-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tat-traċċar. L-applikant għandu jiġi infurmat ukoll dwar l-obbligi tiegħu. Dan jinkludi b'mod partikolari l-ħtieġa li l-awtoritajiet jiġu infurmati dwar fejn jinsabu l-membri tal-familja fit-territorju tal-UE+, li jridu jikkooperaw mal-awtoritajiet u jridu jibqgħu fil-pajjiż tal-UE+ li jkun qed iwettaq il-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà sakemm jiġi stabbilit il-pajjiż responsabbli tal-UE+.

L-applikant għandu jiġi infurmat li l-għoti ta' informazzjoni fil-formola huwa meħtieġ anke jekk ma jkunx jixtieq jingħaqad mill-ġdid mal-membri tal-familja. Ir-rieda tiegħu ta' riunifikazzjoni tiġi rreġistrata fil-formola u jekk ma jkunx jixtieq ir-riunifikazzjoni, ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet. Il-kunsens formali tal-applikant għar-riunifikazzjoni se jintalab f'forma oħra. L-applikant għandu jiġi infurmat li jista' jitlob biss l-applikazzjoni tal-kriterji tal-familja fil-pajjiż fejn l-applikazzjoni tiegħu tiġi rreġistrata għall-ewwel darba.

X'appoġġ huwa disponibbli biex timtela l-formola ta' traċċar tal-familja?

Il-pajjiżi tal-UE+ għandhom iżidu informazzjoni speċifika dwar kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew entità li tista' tgħin lill-applikant jimla l-formola.

L-awtoritajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni, bħall-pulizija jew il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jappoġġaw lill-applikant. Fil-każ ta' tfal, il-gwardjan għandu jassisti lit-tfal. Konsulenti legali jew persuni li jagħtu pariri jistgħu jkunu involuti f'dan l-istadju, jew biex jappoġġaw lill-applikant jimla l-formola jew biex jappoġġaw it-traċċar tal-familja jekk jintalbu jagħmlu dan mill-applikant. L-uffiċjali tal-każ li jwettqu l-intervista personali jistgħu jappoġġaw ukoll lill-applikant biex jimla l-formola jew juża l-formola bħala l-bażi għall-intervista. Jekk l-applikant ikollu xi ħtiġijiet proċedurali speċjali, dawn għandhom jiġu identifikati u rrispettati.



X'informazzjoni hija disponibbli fil-formola tat-traċċar tal-familja?

Il-formola tat-traċċar tal-familja għall-adulti fiha l-informazzjoni li ġejja.

- Informazzjoni ġenerali dwar l-oġġetti tal-formola, liema informazzjoni tinġabar u għaliex.
- Parti 1. Data personali tal-applikant (din tista' tinkludi informazzjoni mill-formola tar-reġistrazzjoni jew tal-iskrinjar).
- Partijiet 2–3. Informazzjoni dwar membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+ (konjuġi jew sieħeb/sieħba mhux miżżewweġ/miżżewġa, tfal minorenni).
 - Data personali tal-membri tal-familja.
 - Id-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja.
 - L-istatus legali/ta' residenza tal-membri tal-familja.
 - In-numru tal-każ.



- Kwalunkwe tip ta' numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-familja, jekk disponibbli.
- Jekk hemmx ir-rieda li jingħaqdu mill-ġdid. Dan ma għandux jiġi konfuż mal-kunsens formali bil-miktub għar-riunifikazzjoni.
- Kwalunkwe vulnerabbiltà jew kundizzjoni speċifika tal-membru tal-familja li l-awtoritajiet fil-pajjiż għandhom ikunu konxji tagħha.
- Parti 4. Informazzjoni dwar persuni dipendenti.
 - Ir-relazzjoni mal-persuna.
 - Min jiddependi mill-kura ta' xi ħadd: l-applikant jew il-membru tal-familja?
 - Data personali.
 - It-tip ta' rabta ta' dipendenza.
 - Id-dettalji ta' kuntatt tal-membru tal-familja.
 - L-istatus legali/ta' residenza tal-membru tal-familja.
 - In-numru tal-każ.
 - Kwalunkwe tip ta' numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-familja, jekk disponibbli.
 - Jekk hemmx ir-rieda li jingħaqdu mill-ġdid. (Dan ma għandux jiġi konfuż mal-kunsens formali bil-miktub għar-riunifikazzjoni.)
 - Meta u fejn kellhom l-aħħar kuntatt, pereżempju personalment, permezz tat-telefown jew b'xi mod ieħor.
 - Jekk ikunux diġà saru xi sforzi ta' traċċar.
 - Kwalunkwe evidenza li jistgħu jippreżentaw biex juru r-relazzjoni.
- Parti 5. Arblu tar-razza (fakultattiv).
 - L-applikant jista' jfassal arblu tar-razza. Hawnhekk jistgħu jiġu indikati wkoll il-membri tal-familja jew il-qraba li jirrisjedu barra mill-pajjiżi tal-UE+.

Il-formola għat-traċċar tal-familja għat-tfal mhux akkumpanjati ssegwi struttura simili u titlob informazzjoni simili kif spjegat hawn taħt.

- Informazzjoni ġenerali dwar l-oġettivi tal-formola, liema informazzjoni tinġabar u għaliex.
- Parti 1. Data personali tat-tfal. Din tista' tinkludi informazzjoni mill-formola ta' reġistrazzjoni u data personali tal-gwardjan/tar-rappreżentant.
- Partijiet 2–5. Informazzjoni dwar membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+ (ġenitur, aħwa, qraba, persuna oħra).
 - Data personali tal-membru tal-familja, tal-aħwa, tal-qarib jew ta' persuna oħra.
 - Dettalji ta' kuntatt tal-membru tal-familja, tal-aħwa, qarib jew ta' persuna oħra.
 - L-istatus legali/ta' residenza tal-membru tal-familja, tal-aħwa, tal-qarib jew ta' persuna oħra.



- In-numru tal-każ.
- Kwalunkwe tip ta' numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-familja, tal-aħwa, tal-qarib jew ta' persuna oħra, jekk disponibbli.
- Jekk hemmx ir-rieda li jingħaqdu mill-ġdid.
- Meta u fejn kellhom l-aħħar kuntatt, pereżempju personalment, permezz tat-telefown jew b'xi mod ieħor.
- Jekk ikunux diġà saru xi sforzi ta' traċċar.
- Parti 6. Arblu tar-razza.
 - L-applikant jista' jfassal arblu tar-razza. Hawnhekk jistgħu jiġu indikati wkoll il-membri tal-familja jew il-qraba li jirrisjedu barra mill-pajjiżi tal-UE+.

Kif tintuża l-formola ta' traċċar tal-familja fil-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja?

Il-formola ta' traċċar tal-familja tgħin biex tingħata prijorità lill-każijiet ta' applikanti li għandhom membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+. Tippermetti lill-awtoritajiet jaċċessaw informazzjoni bażika dwar rabtiet familjari potenzjali fi stadju bikri u jibdeu il-proċedura.

Il-formola tat-traċċar tal-familja tgħin lill-intervistatur jesplora r-relazzjonijiet familjari tal-applikant fil-pajjiżi tal-UE+. L-intervistatur jista' juża l-formola biex jagħmel mistoqsijiet speċifiċi dwar il-membri tal-familja. Dan jista' jgħin biex tinstab jew tiġi identifikata l-persuna fil-pajjiż l-ieħor tal-UE+, biex tiġi mifhuma r-relazzjoni bejniethom, is-sitwazzjoni tal-membru tal-familja jew tal-persuna dipendenti. Dan jista' jgħin ukoll lill-uffiċjali tal-każ jifhmu liema informazzjoni oħra għandha tinġabar mill-applikant.

Il-formola ta' traċċar tal-familja tista' tappoġġa wkoll lill-applikant biex jifhem liema informazzjoni hija meħtieġa li tiġi pprovduta lill-awtoritajiet u għaliex. Jekk l-applikant ma jkunx f'kuntatt mal-membru tal-familja, il-formola għat-traċċar tal-familja tista' tgħin biex jinstab u jiġi identifikat il-membru tal-familja abbażi tal-informazzjoni li l-applikant jikkondividi.

Il-formola mimlija tista' tintuża wkoll biex tintbagħat talba għal informazzjoni dwar il-membru tal-familja sabiex dan jinstab u jiġi identifikat u tiġi vverifikata l-preżenza tiegħu f'pajjiż tal-UE+.

Jekk l-applikant ikun indika fil-forma li ma jixtieqx jingħaqad mill-ġdid mal-membru tal-familja, l-informazzjoni fil-formola ma tintużax u ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri.

3. Riferiment lill-Unità tal-AMMR

X'jiġri fil-fażi ta' riferiment fir-rigward tat-traċċar tal-familja?

- F'dan il-pass, hemm possibbiltà għall-identifikazzjoni bikrija ta' każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja.
- F'dan l-istadju, jiġu mmarkati l-każijiet ta' prijorità, pereżempju l-applikanti b'membri tal-familja fit-territorju tal-UE+ jiġu riferuti lill-Unità tal-AMMR malajr kemm jista' jkun.
- Id-dokumenti jiġu ppreżentati lill-Unità tal-AMMR.



Meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi rreġistrata u jiġu identifikati rabtiet familjari potenzjali (jew indikaturi oħra ta' responsabbiltà ta' pajjiż ieħor tal-UE+), il-każ għandu jiġi riferut immedjatament lill-Unità tal-AMMR għal azzjoni ulterjuri.

Sabiex jiġu żgurati l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja, huwa importanti li dawn il-fajls jiġu mmarkati.



Kunsiderazzjonijiet dwar klawżoli diskrezzjonali u “rabtiet sinifikanti”

Qabel ma jibgħat il-fajl, l-uffiċjal tar-reġistrazzjoni jista' jikkonsulta lill-Unità tal-AMMR dwar l-applikazzjoni potenzjali tal-klawżola diskrezzjonali. Dan jista' jkun il-każ f'sitwazzjonijiet fejn l-applikant jiddikjara li għandu “rabtiet sinifikanti” ma' xi ħadd f'pajjiż ieħor tal-UE+ jew fil-pajjiż ta' applikazzjoni tal-UE+. Skont il-prattiki, xi pajjiżi tal-UE+ jista' jkollhom gwida interna dwar l-applikazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali jew jiddeċiedu li jiżviluppaw prinċipji ta' gwida interni dwar “rabtiet sinifikanti” f'konformità mal-Artikolu 35 tal-AMMR. L-aħjar mod biex tiġi esplorata kwalunkwe raġuni għall-applikazzjoni tal-klawżoli diskrezzjonali huwa l-intervista personali (tal-AMMR) mal-applikant.



L-identifikazzjoni ta' każijiet familjari potenzjali fl-istadju ta' riferiment

Sabiex jiġi żgurat ipproċessar effettiv u effiċjenti, l-uffiċjal responsabbli għar-riferiment lill-Unità tal-AMMR għandu:

- jirreferi l-każ malajr kemm jista' jkun (ma jistenniex biex jibgħat ir-riferiment sakemm jinġabar kollox);
- jimmarka li dan huwa każ potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja;
- jimmarka dan jekk il-każ ikun jikkonċerna tfal mhux akkumpanjati;
- jimmarka b'mod ċar il-każ għall-prijoritizzazzjoni;
- jinkludi d-dokumenti kollha disponibbli mill-applikant;
- jimmarka dan jekk ikunu għadhom iridu jinġabru xi informazzjoni dwar kwalunkwe dokument jew elementi oħra ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali, u jindika sa meta u mingħand min;
- jindika kwalunkwe vulnerabbiltà identifikata tal-applikant;
- jinkludi l-formola ta' traċċar tal-familja, jekk disponibbli;
- jimmarka kwalunkwe informazzjoni dwar indikaturi potenzjali li pajjiż ieħor tal-UE+ jista' jkun responsabbli.



4. Determinazzjoni tar-responsabbiltà

X'jiġri fil-fażi ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà fir-rigward tat-traċċar tal-familja?

- F'dan il-pass, hemm rekwiżit għall-prijoritizzazzjoni.
- It-talba għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.
- Isejtni ir-rieżami tal-evidenza disponibbli.
- Issir l-intervista personali (tal-AMMR), jekk ma tkunx saret qabel.
- Id-dokumenti jinġabru u ssir valutazzjoni tal-aħjar interessi, meta applikabbli.
- L-applikant, jew ir-rappreżentant tat-tfal, jiġu kkuntattjati għal dokumenti, għall-kunsens jew għal aktar informazzjoni.
- Tintbagħat talba għal informazzjoni, jekk tkun meħtieġa, u tinġabar jew tiġi riċevuta tweġiba.
- It-talba biex tittieħed responsabbiltà tintbagħat lill-pajjiż tal-UE+ fejn ikun preżenti l-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qarib tat-tfal mhux akkumpanjati jew fejn ikun preżenti l-membri tal-familja tal-applikant.
- Tasal tweġiba għat-talba biex tittieħed responsabbiltà.
- Jiġi ddeterminat il-pajjiż responsabbli tal-UE+.

Skrinjar ta' każijiet skont il-prijorità

Ladarba l-każ jiġi riferut lill-Unità tal-AMMR, irid jiġi żgurat li jiġi identifikat bħala każ ta' prijorità u jiġi assenjat lil uffiċjal tal-każ responsabbli għat-trattament ta' każijiet bħal dawn. Dan jiżgura li l-każ ikun jista' jiġi ttrattat bi prijorità u jiġi eżaminat immedjatament.

L-Unità tal-AMMR tista' tirċievi diversi każijiet li jeħtieġu prijoritizzazzjoni. Jekk il-każijiet ta' prijorità jkunu wisq meta mqabbla mal-każijiet, jew ma jkunx hemm biżżejjed uffiċjali tal-każijiet disponibbli, għandu jiġi identifikat liema każijiet fost dawk li jeħtieġu prijoritizzazzjoni jeħtieġ li jiġu ttrattati l-ewwel. Din id-deċiżjoni tista' tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet speċjali tal-persuna, it-tip ta' każ, il-passi meħtieġa fil-proċedura jew oħrajn, kif stabbilit fil-gwida interna tal-unità.

Rieżami tal-informazzjoni disponibbli

F'każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-fajl jista' ma jkunx komplut u tista' tkun meħtieġa aktar informazzjoni. Sabiex jiġi identifikati l-passi li jmiss, għandha tiġi vvalutata l-kompletezza tal-każ.



**Lista ta' kontroll għall-verifika tal-kompletezza tal-fajl tal-każ riċevut****Data personali tal-applikant**

- ☐ Il-fajl fih id-data personali tal-applikant.
- ☐ L-informazzjoni dwar id-data personali hija identifikabbli b'mod ċar.
- ☐ Id-dettalji ta' kuntatt tal-applikant huma disponibbli.
- ☐ Id-dokument li juri l-identità u/jew l-età huwa disponibbli.

Data personali tal-membru tal-familja

- ☐ Id-dokument tal-identità jew kwalunkwe dokument tal-membru tal-familja huwa disponibbli.
- ☐ Id-dettalji ta' kuntatt tal-membru tal-familja huma disponibbli.

Informazzjoni dwar ir-rabtiet familjari u l-identità

- ☐ Il-formola tat-traċċar tal-familja mtliet u hija disponibbli.
- ☐ Id-dikjarazzjonijiet tal-applikant dwar ir-rabta familjari bejn il-persuni u informazzjoni dwar ir-relazzjoni tagħhom huma disponibbli.

Evidenza dwar ir-rabta familjari

- ☐ Dokumenti li jappoġġaw ir-rabta familjari, bħal ċertifikat tat-twelid, ktieb tal-familja, passaport (eż. fejn l-isem tal-membru tal-familja jkun viżibbli), oħrajn.
- ☐ Hija disponibbli evidenza ċirkostanzjali, bħal dikjarazzjonijiet mill-applikant jew mill-membru tal-familja.
- ☐ Ir-rekords mill-pajjiż tal-UE+ jew ritratt tal-membru tal-familja huma disponibbli.
- ☐ Id-dokumenti tal-applikant ġew tradotti jew lejn lingwa nazzjonali tal-pajjiż tal-UE+ fejn l-applikant qed jirreġistra l-applikazzjoni jew lejn l-Ingliż.

Kunsens jew, fil-każ ta' tfal, rieda

- ☐ Ir-rieda li jingħaqdu mill-ġdid hija kkonfermata bil-kunsens tal-persuna.

Fil-każ ta' dipendenza

- ☐ Informazzjoni dwar in-natura tad-dipendenza.
- ☐ Il-fajls mediċi (tradotti) huma disponibbli.
- ☐ L-informazzjoni dwar ir-raġuni għaliex ġew separati ġiet ipprovduta.
- ☐ L-informazzjoni dwar min hija l-persuna dipendenti ġiet ipprovduta.
- ☐ L-informazzjoni dwar kif il-persuna dipendenti se tingħata l-kura mill-persuna l-oħra ġiet ipprovduta.



Jekk l-applikant ikun tifel/tifla mhux akkumpanjat(a)

- ☐ Identifikazzjoni ta' jekk kienx hemm dubji dwar l-età tal-persuna, b'hal kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar l-età tagħha, inkluż jekk twettqitx valutazzjoni tal-età.
- ☐ Informazzjoni mill-iskrinjar: hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-età jew hemm informazzjoni dwar jekk tqajmux dubji dwar l-età?
- ☐ Jekk saret valutazzjoni tal-età, hija disponibbli informazzjoni dwar il-metodu użat (mediku, dikjarazzjonijiet jew dokumentat).
- ☐ Informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-aħjar interessi (jista' jkun fiha wkoll informazzjoni rilevanti għat-traċċar).
- ☐ L-arblu tar-razza tat-tfal huwa disponibbli.
- ☐ Hemm spjegazzjoni dwar il-kapaċità tal-qarib li jieħu f'siebi it-tfal.
- ☐ Il-fehmiet u r-rieda tat-tfal li jingħaqdu mill-ġdid mal-ġenituri, mal-aħwa jew mal-qraba huma kkonfermati.
- ☐ Informazzjoni dwar il-ħtiġijiet speċjali tat-tfal hija disponibbli.

Id-determinazzjoni tal-passi li jmiss

Jekk l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-informazzjoni mhijiex kompluta, l-uffiċjal tal-każ:

- iwettaq intervista personali mal-applikant u mal-gwardjan tiegħu, jekk ma tkunx diġà saret;
- iwettaq intervista addizzjonali biex jiċċara d-dubji jew biex jiġbor aktar informazzjoni;
- jikkuntattja lir-rappreżentant tat-tfal biex jiġbor aktar informazzjoni;
- jiffaċilita l-aċċess tal-applikant għas-servizzi ta' traċċar;
- jitlob informazzjoni mill-pajjiż tal-UE+ fejn ikun preżenti l-membru tal-familja tal-applikant jew jitlob informazzjoni speċifikament dwar il-membru tal-familja.

L-organizzazzjoni tal-intervista personali (ir-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni)

L-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ iridu jagħmlu intervista personali mal-applikant f'konformità mal-Artikolu 22 tal-AMMR.

L-iskop tal-intervista personali huwa li tgħin biex jiġi deċiż liema pajjiż tal-UE+ huwa responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tal-persuna għall-protezzjoni internazzjonali. L-intervista personali għandha tgħin ukoll biex tappoġġa l-fehim tal-applikant tal-informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta bil-miktub fil-formola tal-materjal ta' informazzjoni komuni. Dan il-materjal jiġi pprovdut lill-applikant mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard mill-istadju tar-reġistrazzjoni. Dan għandu jgħin ukoll lill-applikant jifhem il-proċedura tad-determinazzjoni tal-pajjiż responsabbli tal-UE+, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi tiegħu.





Prattiki għall-organizzazzjoni tal-intervista

Skont il-proċessi interni, l-intervista tista' ssir fi stadji proċedurali differenti u b'diversi modi fil-pajjiżi kollha tal-UE+. Xi pajjiżi tal-UE+ jikkombinaw ir-reġistrazzjoni mal-"intervista tal-AMMR" jew jipprovdu kwestjonarju biex jidentifikaw l-indikaturi potenzjali tar-responsabbiltà ta' pajjiż tal-UE+ fi stadju bikri. Xi pajjiżi tal-UE+ għandhom mudell ta' intervista inkorporat fl-għodda tagħhom għall-ġestjoni tal-każijiet li jiffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-identifikazzjoni tal-membri tal-familja. Pajjiżi oħra tal-UE+ jorganizzaw intervista speċifika f'tit wara li l-każ jiġi riferut lill-Unità tal-AMMR.

Jekk ma tkunx saret qabel ir-riferiment, l-intervista tal-AMMR għandha tiġi organizzata mal-applikant, u fil-każ ta' tfal mhux akkumpanjati, mar-rappreżentant. Din l-intervista għandha ssir malajr kemm jista' jkun u qabel ma ssir kwalunkwe talba biex tittieħed responsabbiltà sabiex jiġu identifikati r-rabtiet familjari potenzjali f'pajjiż ieħor tal-UE+. Il-formola ta' traċċar tal-familja, mimlija mill-applikant, tista' tkun il-bażi għall-intervista. L-intervistatur jista' jesplora aktar ir-relazzjonijiet familjari tal-applikant. Tista' taqra dwar liema informazzjoni għandha tiġi pprovduta mal-formola fit-taqsima dwar il-[mudell għat-traċċar tal-familja](#).

Meta jitqies l-obbligu ta' prijoritizzazzjoni, ikun aħjar jekk l-intervista personali tiġi organizzata malajr kemm jista' jkun ladarba jiġu identifikati r-rabtiet familjari potenzjali. L-intervista personali għandha tesplora r-rabtiet familjari tal-applikant ma' persuna f'pajjiż tal-UE+ jew ma' persuna dipendenti u tiffoka fuq l-oqsma koperti mill-mudell għat-traċċar tal-familja. Dawn jikkonċernaw is-sitwazzjoni tal-persuna u r-relazzjoni tagħha mal-membri tal-familja jew mal-persuna dipendenti, jew, fil-każ ta' tfal, ir-relazzjoni tagħhom mal-ġenitur, mal-aħwa jew mal-qraba. Valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal għandha dejjem titwettag f'każijiet bħal dawn.

L-intervista tista' sservi wkoll biex tipprovdi informazzjoni lill-applikant dwar il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja (jekk dan ma jkunx diġà sar). Din is-servi biex tinbena l-fiduċja bejn l-applikant u l-awtoritajiet. B'dan il-mod, ttejjeg lill-applikant biex jippreżenta kwalunkwe informazzjoni jew dokument rilevanti, anke jekk isiru disponibbli aktar tard fil-proċedura, u sservi biex tikkomunika dwar l-iskadenzi rilevanti għall-għoti ta' tali informazzjoni jew dokumentazzjoni.



Suġġerimenti prattiċi għall-identifikazzjoni u l-ipproċessar ta' każijiet ta' dipendenza

Il-każijiet ta' dipendenza jeħtieġu eżami bir-reqqa minn persunal imħarreġ bl-għarfien espert u l-ħiliet it-tajba. Intervista dettaljata mal-persuna hija l-aħjar mod biex jiġi esplorat it-tip ta' dipendenza u biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-persuna li tiegħu ħsieb il-persuna dipendenti.



Jekk **applikant** (adult) jiġi identifikat bħala li qiegħed **f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà**, huwa importanti li jiġi infurmat dwar id-dritt li jingħaqad mill-ġdid jew jinżamm flimkien mat-tfal, l-aħwa jew il-ġenitur tiegħu jekk jiddependi mill-appoġġ tagħhom. Huwa jista' jimla l-mudell għat-traċċar tal-familja (Parti 4) u jindika l-kawża tad-dipendenza u l-persuna li tista' tappoġġah.

Jekk **applikant ma jkunx f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà**, għandu dejjem jiġi mistoqsi jekk għandux tfal, ġenitur jew aħwa li jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli u jiddependu mill-kura tal-applikant. Huwa għandu jiġi infurmat dwar il-possibbiltà li jingħaqad mill-ġdid jew jinżamm flimkien mal-persuna dipendenti.

L-intervista personali għandha tesplora r-rabtiet familjari tal-applikant, inkluż jekk għandux tfal adulti, ġenituri jew aħwa fil-pajjiżi tal-UE+ u jekk hemmx xi rabtiet ta' dipendenza potenzjali. Għal oqsma potenzjali li għandhom jiġu koperti fl-intervista, ara l-kaxxa [Aspetti relatati mar-rabtiet familjari li għandhom jiġu koperti fl-intervista personali](#).



Suġġerimenti prattiċi għall-identifikazzjoni ta' klawżoli diskrezzjonali potenzjali

L-applikant għandu dejjem jiġi infurmat dwar il-fatt li l-pajjiżi tal-UE+ jistgħu japplikaw il-klawżoli diskrezzjonali jekk ikun hemm raġunijiet konvinċenti biex jagħmlu dan. Dan għandu jiġi infurmat dwar il-possibbiltà li l-applikazzjoni tiegħu tiġi eżaminata fil-pajjiż fejn ikun irreġistra l-applikazzjoni tiegħu jew li jingħaqad mill-ġdid ma' membru tal-familja f'pajjiż ieħor tal-UE+. Dan jista' jkun il-każ anke jekk ir-relazzjoni ma tissodisfax id-definizzjoni ta' membru tal-familja skont l-AMMR.

Fl-intervista mal-applikant, l-uffiċjali tal-każ għandhom dejjem jagħmlu mistoqsijiet biex jesploraw jekk hemmx xi kundizzjonijiet li potenzjalment iwasslu għall-applikazzjoni tal-klawżoli diskrezzjonali. Anke jekk applikant għall-protezzjoni internazzjonali ma jkunx indika li għandu membri tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+, huwa utli li fl-intervista personali jiġi mistoqsi jekk l-applikant għandux xi relazzjonijiet fil-pajjiżi tal-UE+ u jiġu esplorati rabtiet potenzjali ta' dipendenza jew raġunijiet umanitarji li jistgħu jkunu applikabbli fil-każ tiegħu. Ir-rabtiet familjari sinifikanti ta' applikant ma' persuna f'pajjiż tal-UE+ u r-rabtiet ta' dipendenza potenzjali jistgħu jiġu esplorati fil-każijiet kollha.

Għal oqsma potenzjali li għandhom jiġu koperti fl-intervista, ara l-kaxxa [Aspetti relatati mar-rabtiet familjari li għandhom jiġu koperti fl-intervista personali](#).





Aspetti relatati mar-rabtiet familjari li għandhom jiġu koperti fl-intervista personali

Huwa importanti li l-intervistatur jagħmel mistoqsijiet b'mod proattiv relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna. Il-punti ta' hawn taħt huma tfakkira tal-kwistjonijiet li jista' jkun hemm bżonn li jiġu esplorati, skont iċ-ċirkostanzi tal-applikant, biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà. Huwa f'idejn l-intervistatur li jkopri s-suġġetti ta' hawn taħt billi jifformula l-mistoqsijiet bl-aktar mod xieraq f'kull każ.


Dawn l-aspetti jikkomplementaw il-ġbir ta' informazzjoni permezz tal-formola ta' traċċar tal-familja. L-intervistatur għandu jibni l-intervista fuq l-informazzjoni li diġà hija disponibbli minn sorsi oħra.

Is-sitwazzjoni personali tal-applikant



- ☐ L-applikant huwa tifel/tifla mhux akkumpanjat(a)?
- ☐ L-applikant huwa vulnerabbli jew għandu xi bżonnijiet speċjali?
- ☐ L-applikant jiddependi mill-kura ta' xi ħadd ieħor? Jekk iva, b'liema mod?
- ☐ L-applikant jista' jappoġġa d-dikjarazzjonijiet tiegħu b'dokumenti jew b'elementi rilevanti oħra?

Rabtiet familjari potenzjali tal-applikant — konjuġi jew sieħeb/sieħba mhux miżżewweġ/miżżewġa



- ☐ L-applikant mela l-formola ta' traċċar tal-familja? Jekk le, il-formola għandha tiġi pprovduta.
- ☐ Il-persuna għandha membri tal-familja f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-UE+?
- ☐ X'inhuma d-dettalji personali tal-membru tal-familja?
- ☐ F'liema pajjiż tal-UE+ jgħix il-membru tal-familja?
- ☐ X'inhu l-istatus ta' residenza tal-membru tal-familja fil-pajjiż tal-UE+?
- ☐ Fejn u meta ġiet iffurmata r-relazzjoni? Jekk il-membru tal-familja inkwistjoni huwa l-konjuġi tal-applikant, meta, fejn u kif kienu miżżewwġin?
- ☐ L-applikant jista' jsostni r-relazzjoni bi kwalunkwe evidenza?
- ☐ L-applikant qiegħed f'kuntatt mal-membru tal-familja? Jekk iva, kemm spiss?
- ☐ X'inhuma d-dettalji ta' kuntatt tal-membru tal-familja?
- ☐ Jekk tilfu l-kuntatt, meta seħħ dan u kif?
- ☐ Meta u kif isseparaw?
- ☐ Il-persuna użat is-servizzi ta' organizzazzjonijiet ta' traċċar fil-passat?
- ☐ L-applikant huwa lest li jingħaqad mill-ġdid mal-konjuġi tiegħu?



Rabtiet familjari potenzjali tal-applikant – dipendenza



Jekk l-applikant ikun il-persuna dipendenti

- ☐ X'inhi n-natura tad-dipendenza?
- ☐ Kif inhuma relatati l-persuni?
- ☐ X'inhi n-natura tar-relazzjoni tagħhom?
- ☐ Kif jistgħu t-tfal, l-aħwa jew il-ġenituri jieħdu ħsieb l-applikant?
- ☐ It-tfal, l-aħwa jew il-ġenituri kif ħadu ħsieb l-applikant fil-passat?

Jekk l-applikant ikun il-persuna li tipprovdi l-kura lil persuna dipendenti

- ☐ X'inhi n-natura tad-dipendenza?
- ☐ Kif inhuma relatati l-persuni?
- ☐ X'inhi n-natura tar-relazzjoni tagħhom?
- ☐ Kif jista' l-applikant jieħu ħsieb il-persuna dipendenti?
- ☐ L-applikant kif ħa ħsieb il-persuna dipendenti fil-passat, pereżempju fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' tranżitu?

Jekk tiġi identifikata rabta ta' dipendenza

- ☐ L-applikant jista' jissostanzja r-relazzjoni b'xi prova, bħal dokumenti mediċi, rapporti psikoloġiċi jew soċjali?
- ☐ Il-persuna tixtieq tingħaqad mill-ġdid?

Rabtiet familjari potenzjali tal-applikant – tfal



- ☐ It-tfal għandhom membri tal-familja, aħwa jew qrafa f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-UE+?
- ☐ Fejn jgħixu l-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qrafa?
- ☐ Kemm spiss ikunu f'kuntatt?
- ☐ Kif jibqgħu f'kuntatt?
- ☐ X'inhu l-istatus tal-membri tal-familja, tal-aħwa jew tal-qrafa fil-pajjiż tal-UE+?
- ☐ X'inhi n-natura tar-relazzjoni tagħhom? Kemm huma qrib xulxin?
- ☐ Kif kienet ir-relazzjoni tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż ta' tranżitu?
- ☐ X'inhuma l-fehmiet tat-tfal dwar ir-riunifikazzjoni potenzjali tal-familja?
- ☐ It-tfal huma lesti li jingħaqdu mill-ġdid mal-membri tal-familja, mal-aħwa jew mal-qarib?
- ☐ Hemm xi dokumenti ta' sostenn relatati mal-età tat-tfal?



Il-bgħit ta' talbiet ta' informazzjoni biex jiġu traċċati u identifikati membri tal-familja jew persuni dipendenti

Jekk l-uffiċjal tal-każ jiddeċiedi li jibgħat talba għal informazzjoni lill-pajjiż tal-UE+ fejn ikun preżenti l-membri tal-familja tal-applikant jew il-persuna dipendenti, għandhom jintużaw il-formola korretta u s-suġġett tal-posta elettronika korrett għal tfal mhux akkumpanjati u għal persuni dipendenti. Dan jgħin lill-pajjiż tal-UE+ rikjest jidentifika dawn il-każijiet u jipprioritizza dawn it-talbiet għal informazzjoni. Huwa tajjeb li dawn il-każijiet jiġu mmarkati bħala urġenti, b'mod partikolari fil-linja tas-suġġett, biex tiġi meġġuna l-prioritizzazzjoni ta' dawn it-talbiet.

It-trażmissjoni ta' talba għal informazzjoni lil pajjiż ieħor tal-UE+ ma għandhiex iddewwem kwalunkwe pass ieħor li jista' jittieħed biex jiġu identifikati membri tal-familja jew qrafa min-naħa tal-pajjiż tal-UE+ rikjedenti. Kwalunkwe pass bħal dan għandu jitwettag b'mod parallel filwaqt li wieħed ikun qed jistenna t-tweġiba mill-pajjiż tal-UE+ rikjest.

It-talbiet għal informazzjoni għandhom rwol kruċjali fit-traċċar u fl-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew ta' persuni dipendenti. Għalhekk huwa importanti li dawn it-talbiet jiġu ttrattati u mwiegħba fil-ħin. Meta tasal it-talba għall-informazzjoni, il-pajjiż tal-UE+ rikjest għandu jagħti prijorità lill-każijiet li jikkonċernaw il-familji. Huma għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba tinġabar malajr kemm jista' jkun u li tingħata tweġiba fil-ħin.



Prioritizzazzjoni tat-talbiet għal informazzjoni relatati mar-rabtiet familjari

Ladarba tasal talba għal informazzjoni u tiġi assenjata lil uffiċjal tal-każ fil-pajjiż tal-UE+ rikjest, l-uffiċjal tal-każ għandu jieħu l-passi li ġejjin relatati mal-identifikazzjoni ta' rabtiet familjari potenzjali.

- Agħti prijorità lit-talbiet għal informazzjoni relatati mal-unità tal-familja, speċjalment għall-minorenni.
- Iċċekkja l-bażijiet tad-data.
 - Ivaluta jekk tikkorrispondix l-informazzjoni kollha dwar il-preżenza legali tal-membri tal-familja jew tal-persuna dipendenti jew id-data dwar il-membri tal-familja.
- Illokalizza l-membri tal-familja jew il-persuna dipendenti.
 - Ikkonferma jekk il-persuna għadhiex preżenti fit-territorju jew le.
- Iġbor informazzjoni addizzjonali.
 - Il-pajjiż tal-UE+ rikjest jista' jqis il-possibbiltà/il-ħtieġa li ssir intervista personali mal-membri tal-familja jew mal-persuna dipendenti (jista' jkun hemm restrizzjonijiet ta' żmien).
 - Il-pajjiż tal-UE+ rikjest jista' jqis li jitlob l-għajnuna ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jappoġġaw it-traċċar tal-membri tal-familja, jekk il-persuna ma tkunx tista' tinstab.



- Ikkonferma r-rieda tar-riunifikazzjoni.
 - Qis il-privatezza tal-membru tal-familja: jixtieq jiġi kkuntattjat mill-applikant jew mill-awtoritajiet?
 - Il-membru tal-familja jew il-persuna dipendenti huma lesti li jingħaqdu mill-ġdid? Jista' jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed ma jkunx lest li jiġi kkuntattjat jew li jingħaqad mill-ġdid. Dan għandu jittqies u għandha tiġi vverifikata liema informazzjoni tista' tiġi kondiviża mal-pajjiż sieħeb tal-UE+.
- Ikkonferma l-fehim tal-membru tal-familja dwar l-informazzjoni.
 - Il-membru tal-familja jew il-persuna dipendenti (u l-applikant) għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-proċedura (eż. biex jiġi evitat li ma jirrifjutawx il-possibbiltà ta' riunifikazzjoni minħabba li jibżgħu li jista' jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji fuqhom) mill-pajjiż tal-UE+ rikjest.

Meta l-uffiċjal tal-każ fil-pajjiż tal-UE+ rikjedenti jirċievi t-tweġiba għat-talba għal informazzjoni, huwa jrid ikompli l-valutazzjoni tal-informazzjoni dwar ir-rabtiet familjari u l-kompletezza tal-fajl. Jekk jittqies li l-fajl tal-każ huwa komplut, l-informazzjoni mbagħad tiġi vverifikata u t-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat lill-pajjiż responsabbli tal-UE+ malajr kemm jista' jkun.

Ladarba tintbagħat it-talba biex tittieħed responsabbiltà u din tiġi aċċettata mill-pajjiż tal-UE+ rikjest, it-tnejniet għat-trasferiment jistgħu jibdwu sabiex jiġi konkluż il-proċess ta' riunifikazzjoni tal-familja b'suċċess. Huwa importanti li jiġu ġestiti l-aspettattivi tal-applikant dwar l-ivvjaġġar u l-wasla fil-pajjiż responsabbli tal-UE+.

Prijoritizzazzjoni mill-pajjiż tal-UE+ rikjest

Mhuwiex biżżejjed li tingħata prijorità lil każ ta' riunifikazzjoni tal-familja mill-pajjiż tal-UE+ rikjedenti. Il-pajjiż tal-UE+ rikjest għandu jiżgura wkoll li l-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja jiġu identifikati kif xieraq fil-volum tal-każijiet u jiġu ġestiti kif xieraq.

Jekk il-pajjiż tal-UE+ rikjest ma jsib l-ebda informazzjoni jew ma jsibx informazzjoni suffiċjenti dwar il-membru tal-familja jew il-persuna dipendenti li allegatament tinsab fit-territorju tiegħu, l-awtoritajiet jistgħu jitolbu s-servizzi ta' organizzazzjonijiet ta' traċċar jew ta' partijiet ikkonċernati oħra li jistgħu jgħinu biex tinstab il-persuna.





Passi f'każijiet ta' traċċar tal-familja fl-istadju tal-Unità tal-AMMR

- **Skrinjar tal-każijiet riferuti**

Skrinjar tal-każijiet li jkunu ġew riferuti lill-Unità tal-AMMR biex jiġi identifikat jekk hemmx xi talbiet għal riunifikazzjoni potenzjali tal-familja. Assenjar tal-każijiet lill-uffiċjali m'harrġa sabiex jibdew jaħdmu fuq il-każijiet malajr kemm jista' jkun.

- **Verifika tal-kompletezza tal-informazzjoni**

Eżaminazzjoni tal-informazzjoni disponibbli u determinazzjoni ta' x'inhum nieqes. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, jiġu stabbiliti l-passi li jmiss (eż. intervista personali mal-applikant, kuntatt ma' organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, eċċ.).

- **Monitoraġġ tal-limiti ta' żmien**

Ladarba jkunu magħrufa l-passi fil-proċedura u ż-żmien disponibbli, stabbiliment ta' pjan għall-ipproċessar tal-każ, bħal liema passi għandhom jittieħdu qabel ma tintbagħat it-talba biex tittieħed responsabbiltà.

Jekk il-każ ikun komplut u ma jkunx hemm bżonn li jittieħdu passi addizzjonali, il-bgħit ta' talba biex tittieħed responsabbiltà malajr kemm jista' jkun fid-dawl tal-obbligu li tingħata prijorità lill-każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja.

- **Koordinazzjoni**

Involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-ipproċessar ta' każ. Meta l-applikant ikun tifel jew tifla, ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun involut fl-istadji kollha tal-proċedura. L-applikant irid ikun involut ukoll, pereżempju biex jipprovdi l-kunsens jew id-dokumenti tiegħu biex juri relazzjoni familjari. Il-membri tal-persunal miċ-ċentru ta' akkoljenza jista' jkollhom jiġu kkuntattjati wkoll minn żmien għal żmien.

Il-ħtieġa għal koordinazzjoni kontinwa għandha għalhekk titqies u tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tal-limiti ta' żmien.

- **Komunikazzjoni**

Komunikazzjoni ta' informazzjoni aġġornata lill-applikant u lill-gwardjan, fil-każ ta' tfa, dwar il-każ tiegħu.

Żamma tal-linji ta' komunikazzjoni miftuħa u żgurar li l-informazzjoni dwar l-istadju tal-proċess tkun aċċessibbli għall-applikant.

Eżitu tal-proċedura

Ladarba tasal talba biex tittieħed responsabbiltà, il-pajjiż tal-UE+ rikjest jeżamina l-każ. Dan jinkludi valutazzjoni tal-fatti kollha ddikjarati fit-talba, il-verifika tal-informazzjoni, it-tweġiq ta' kontrolli addizzjonali fil-bażi tad-data nazzjonali u l-korroborazzjoni tal-informazzjoni. Jekk ikun hemm bżonn, issir intervista mal-membri tal-familja jew mal-persuna dipendenti.



Jekk it-talba tikkonċerna tfal mhux akkumpanjati jew persuna dipendenti, il-pajjiż tal-UE+ rikjest għandu jqis ukoll il-ħtiġijiet speċjali tal-persuna. Jekk xi informazzjoni tissuġġerixxi li r-riunifikazzjoni mhijiex fl-aħjar interessi tat-tfal, dan għandu jiġi kkomunikat lill-pajjiż tal-UE+ rikjedenti.

Jekk it-talba biex tittieħed responsabbiltà tiġi aċċettata, il-pajjiż tal-UE+ rikjest jinforma lill-pajjiż tal-UE+ rikjedenti b'dan. Dan ifisser li l-pajjiż tal-UE+ rikjest huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-persuna għall-protezzjoni internazzjonali. Il-persuna tinħarġilha deċiżjoni ta' trasferiment fil-pajjiż tal-UE+ rikjedenti u tiġi infurmata dwar id-dritt għal rimedji legali u l-modalitajiet ta' preżentazzjoni ta' appell jew rieżami. Jekk ma jitressaq l-ebda appell, il-persuna tiġi ttrasferita lejn il-pajjiż responsabbli tal-UE+, fejn ikun preżenti l-membri tal-familja tagħha.

Jekk it-talba biex tittieħed responsabbiltà ma tiġix aċċettata, il-pajjiż tal-UE+ rikjest jinforma lill-pajjiż tal-UE+ rikjedenti dwar ir-raġunijiet għaliex ma aċċettax it-talba f'dettall suffiċjenti. Il-pajjiż tal-UE+ rikjedenti jinforma lill-persuna dwar id-dritt tagħha għal rimedju legali u l-modalitajiet biex tippreżenta appell jew rieżami kif dettaljat mill-pajjiż tal-UE+ rikjest fir-rifjut tiegħu (ara l-kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE C-19/21 tal-2022 ⁽¹⁷⁾).

Jekk l-appell jew ir-rieżami ma jirnexxux, l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi eżaminata mill-pajjiż tal-UE+ fejn il-persuna tkun irreġistrat l-applikazzjoni tagħha, sakemm ma jkunux jistgħu jitqiesu kriterji oħra ta' responsabbiltà, jew il-klawżoli diskrezzjonali skont l-AMMR.

⁽¹⁷⁾ Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, *I, S vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid*, C-19/21, EU:C:2022:605. Sommarju huwa disponibbli fil-[Bażi tad-Data tal-Ġurisprudenza tal-EUAA](#). F'konformità mal-premessa 62 tal-AMMR:

Sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti minħabba trasferiment, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv, limitat għal dawk id-drittijiet, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.



Il-partijiet ikkonċernati fit-traċċar tal-familja u r-rwoli tagħhom fil-proċedura

Minħabba r-rekwiżiti li jiġu identifikati u prijorizzati każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja malajr kemm jista' jkun, it-traċċar tal-familja jeħtieġ approċċ olistiku u l-involvement ta' diversi partijiet ikkonċernati matul it-triq. Fl-istadji kollha, l-applikant se jkun f'kuntatt ma' diversi awtoritajiet u persunal u l-partijiet ikkonċernati kollha jista' jkollhom rwol fit-traċċar tal-familja. Dan jista' jinvolvi l-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni b'suċċess tal-membri/i tal-familja jew tal-persuna/i dipendenti u d-determinazzjoni b'suċċess tar-responsabbiltà.

Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' awtoritajiet jew profili tal-persunal li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-applikant u li għandhom rwol fit-traċċar tal-familja. It-tabella tipprovdi deskrizzjoni tar-rwol tagħhom u noti dwar ir-rekwiżiti rilevanti. Il-mezzi biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati fil-proċess jistgħu jiddependu mill-istruttura organizzazzjonali ta' kull pajjiż tal-UE+; għalhekk din il-lista hija indikattiva. It-tabella ta' hawn taħt telenka l-partijiet ikkonċernati differenti. Dawn huma eżempji ta' rwoli assoċjati ma' dawn il-profil. Ir-rwoli u l-kompiti eżatti jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor.

Tabella 1. Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja

Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Applikant u membru tal-familja (jew persuna dipendenti)	- Jibdew it-traċċar tal-familja billi jagħtu informazzjoni dwar il-preżenza ta' membri tal-familja fit-territorju tal-UE+. - Il-membri tal-familja jista' jikkuntattja lill-pajjiż tal-UE+ fejn jinsab l-applikant jew fejn jinsab il-membri tal-familja biex jgħarraf lill-Unità tal-AMMR dwar riunifikazzjoni potenzjali tal-familja. - Il-membri tal-familja għandu wkoll jagħti l-kunsens tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja. - Il-ħtieġa li jiġu pprovduti informazzjoni u evidenza.	- Iridu jikkooperaw mal-awtoritajiet biex jipprovdu informazzjoni u l-evidenza rilevanti. - Iridu jesprimu l-kunsens tagħhom li jingħaqdu mill-ġdid. - Ikunu konxji li jistgħu jiġu kkuntattjati, mitluba għal intervista jew jipprovdu dokumentazzjoni, li għandhom ikunu meħtieġa li jagħtu segwitu u jeħtieġ li jkunu disponibbli meta jintalbu.



Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Rappreżentant/ gwardjan tat-tfal	• Jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn it-tfal u l-membru tal-familja. • Jipprovdi appoġġ fir-restawr tal-kuntatt. • Ikollu kuntatt dirett mal-membru tal-familja. • Jappoġġa l-ġbir ta' dokumenti u informazzjoni rilevanti. • Jirreferi/jindika l-każijiet lill-Unità tal-AMMR (f'xi pajjiżi). • Għandu rwol b'saħħtu fl-appoġġ tal-valutazzjoni tal-aħjar interessi.	• Imħarreġ biex jaħdem mat-tfal. • Ikun responsabbli għal għadd proporzjonat ta' tfal u mhux aktar minn 30 tifel u tifla fl-istess ħin. • Fejn possibbli, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rappreżentant għandux il-ħin u l-kapaċità li jimpenja ruħu għar-rwol. Persuna li ma jkollhiex il-ħin u l-kapaċità ma għandhiex tiġi assenjata bħala rappreżentant tat-tfal.
Persunal tar-reġistrazzjoni	• Responsabbli għar-reġistrazzjoni tad-data personali tal-applikant. Jistgħu jiġbru l-informazzjoni rilevanti. • Jipprovdu informazzjoni lill-applikant. • Jappoġġaw it-traċċar tal-familja billi jqassmu l-formola tat-traċċar tal-familja. • Jindikaw każijiet potenzjali ta' riunifikazzjoni tal-familja u jirreferuhom lill-Unità tal-AMMR. • Iwettqu l-intervista personali mal-applikant.	• Jeħtieġ li tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti biex jitwettqu l-kompiti li huma relatati mat-traċċar tal-familja. • Imħarrġa u pprovduti bi gwida rilevanti.



Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Persunal tal-Unità tal-AMMR	• Iwettqu l-intervista personali mal-applikant. • Jiġbru informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-applikant • Jiddeterminaw ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. • Iwettqu evalwazzjoni tal-evidenza u l-informazzjoni disponibbli. • Iqisu valutazzjoni finalizzata tal-aħjar interessi tat-tfal qabel ma jibagħtu talba jew tweġiba lill-pajjiż l-ieħor tal-UE+, jew qabel ma jorganizzaw it-trasferiment. • Jikkoordinaw il-proċess ta' traċċar. • Jissorveljaw l-għoti ta' informazzjoni u jwettqu intervista. • Jikkooperaw ma' pajjiżi oħra tal-UE+. • Jikkooperaw u jikkollaboraw mal-partijiet ikkonċernati kollha involuti. • Jappoġġaw lil partijiet ikkonċernati oħra (reġistrazzjoni, pulizija, eċċ.).	• Jeħtieġ li tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti biex jitwettqu l-kompiti relatati mat-traċċar tal-familja. • Imħarrġa u pprovduti bi gwida. • Jistabbilixxu linji gwida interni dwar ir-rwol tal-Unità tal-AMMR fit-traċċar, bħal biex tiġi determinata l-firxa tal-isforzi li l-unità se twettaq għat-traċċar tal-membri tal-familja (il-kuntatt mal-membri tal-familja, liema bażijiet ta' data għandhom jiċċekkjaw, liema organizzazzjonijiet għandhom jikkollaboraw magħhom). • "Jimlew il-lakuni" fil-proċess.



Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
NGOs jew organizzazzjonijiet ta' traċċar/appoġġ	• Jikkontribwixxu għall-ġbir ta' dokumenti u informazzjoni. • Jissorveljaw ir-riferiment lill-Unità tal-AMMR (f'xi pajjiżi tal-UE+). • Jappoġġaw it-traċċar tal-familja bl-użu ta' bażijiet ta' data (eż. is-Salib l-Aħmar), jiskambjaw informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet differenti fil-pajjiżi tal-UE+, fejn possibbli. • Jikkollaboraw mal-Unità tal-AMMR jew ma' awtoritajiet oħra dwar it-tiftix ta' membri tal-familja. • Jipprovdu taħriġ dwar it-traċċar lill-awtoritajiet rilevanti (eż. il-persunal tal-akkoljenza, il-persunal tar-reġistrazzjoni jew persunal ieħor kif rilevanti). • Jappoġġaw l-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti biex iħeġġu lill-applikant juża l-proċedura tal-AMMR, filwaqt li jispjegaw kif tinbeda u x'inhum meħtieġ. • Jipprovdu konsulenza legali lill-applikanti (f'xi pajjiżi).	



Partijiet ikkonċernati bi rwol kruċjali fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Uffiċjali ta' kollegament fi ħdan l-awtoritajiet determinanti	- Jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni tat-talbiet għall-informazzjoni. - Jimmarkaw il-każijiet urġenti. - Jiffaċilitaw l-ipproċessar rapidu ta' każijiet urġenti. - Jikkontribwixxu biex jiġi ċċarat in-nuqqas ta' ftehim. - Jagħmluha ta' medjatur bejn iż-żewġ awtoritajiet. - Iħeġġu lill-pajjiż tal-UE+ iwieġeb jew jinvestiga każijiet li jkunu pendent għal żmien twil. - Jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar il-proċeduri u l-iżvilupp tal-pajjiż tal-UE+ għall-pajjiż sieħeb fejn meħtieġ. - Jappoġġaw il-ġbir ta' informazzjoni f'każijiet kumplessi.	

Tabella 2. Partijiet ikkonċernati bi rwol limitat fit-traċċar tal-familja

Partijiet ikkonċernati bi rwol limitat fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Il-pulizija (il-pulizija tal-immigrazzjoni jew tal-fruntieri tista' tkun ukoll il-persunal tar-reġistrazzjoni)	- Responsabbli għall-identifikazzjoni tal-applikant. - Jekk l-applikant jinżamm f'detenzjoni, jistgħu jkunu l-punt ta' kuntatt/referenza. - Jistgħu jiġbru kwalunkwe dokument disponibbli. - Jistgħu jipprovdu informazzjoni relatata mar-riskji potenzjali għas-sigurtà ta' membru tal-familja li jistgħu jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. - Iwettqu kontroll tas-sigurtà tal-membri tal-familja (f'xi pajjiżi). - Jistgħu jivverifikaw id-dokumenti.	



Partijiet ikkonċernati bi rwol limitat fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Rappreżentant legali ta' applikant adult	- Jagħti parir lill-applikant dwar il-possibbiltà ta' riunifikazzjoni, il-proċess u r-rekwiżit li tiġi espressa r-rieda li jingħaqad mill-ġdid. - Jipprovdi appoġġ fir-restawr tal-kuntatt mal-membri tal-familja. - Jista' jkollu kuntatt dirett mal-persuna ta' referenza, mal-membri tal-familja. - Jappoġġa l-ġbir ta' dokumenti u informazzjoni rilevanti. - Jiffaċilita l-kuntatt tal-applikant mal-awtoritajiet. - Jista' jirreferi/jindika każijiet lill-Unità tal-AMMR (f'xi pajjiżi). - Ikun il-ħolqa li tgħaqqad lill-applikant u lill-Unità tal-AMMR.	Ikollu l-kapaċità li jassumi r-rwol biex jiġi evitat li rappreżentant legali wiehied ikun responsabbli għal ħafna persuni. Fejn possibbli, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rappreżentant legali għandux il-ħin u l-kapaċità li jimpenja ruħu għar-rwol.
Servizzi soċjali	- Jipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-interessi tat-tfal. - Jistgħu jkunu involuti fl-evalwazzjoni tal-kapaċità tal-qarib li jieħu ħsieb il-minorenni. - Jistgħu jkunu involuti fit-traċċar tal-membri tal-familja/jistgħu jiġu kkuntattjati mill-membri tal-familja.	
Qorti tal-minorenni jew prosekutur ġenerali	- Jissorveljaw il-ħatra tal-gwardjan. - Iwettqu monitoraġġ tal-kwalità tas-sistema ta' tutela. - Jissorveljaw l-aħjar interessi tat-tfal. - Jista' jkollhom l-aħjar kelma fid-determinazzjoni tal-interessi tat-tfal qabel it-talba u qabel it-trasferiment.	
Esperti ta' dokumenti jew forensiċi	- Jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità tad-dokumenti u l-evidenza - Jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni medika.	





Partijiet ikkonċernati bi rwol limitat fit-traċċar tal-familja	Ir-rwol fit-traċċar tal-familja	Rekwiżiti
Tradutturi	Jittraduċu d-dokumenti riċevuti.	





Organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja fil-pajjiżi tal-UE+

Il-pajjiżi tal-UE+ jistgħu jitolbu s-servizzi ta' organizzazzjonijiet biex jitraċċaw, jillocalizzaw jew jidentifikaw membri tal-familja ta' applikant f'pajjiż tal-UE+. Is-servizzi ta' organizzazzjonijiet b'hal dawn jistgħu jkunu imprezzabbli biex jinstab il-membri tal-familja u biex jingħaqad mal-applikant malajr kemm jista' jkun. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn l-organizzazzjonijiet jużaw ukoll formoli ta' traċċar tal-familja (b'hal dawk tas-Salib l-Aħmar) li għandhom kamp ta' applikazzjoni usa'. Dawn il-forom għandhom it-tendenza li jsiru għal skopijiet umanitarji biex l-individwi jkunu jistgħu jitgħallmu dwar fejn tinsab il-familja tagħhom mhux relatati mal-proċeduri amministrattivi/ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà. Dawn l-organizzazzjonijiet ta' traċċar jistgħu jibdwu biss it-traċċar bil-kunsens tal-applikant u għal skopijiet umanitarji li jmorru lil hinn mir-riunifikazzjoni tal-familja biss.

L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom id-dritt li jitolbu s-servizzi ta' organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja. L-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-applikant dwar dan id-dritt u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess tal-applikant għal tali organizzazzjonijiet.

Diversi organizzazzjonijiet huma involuti b'mod attiv fit-traċċar tal-familja fl-Ewropa. FI-2023, ġew żviluppati r-rakkomandazzjonijiet tal-EUAA dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja fi ħdan il-proċedura ta' Dublin ⁽¹⁸⁾. B'hal anness għal din il-pubblikazzjoni, il-pajjiżi tal-UE+ ntalbu jipprovdu informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet għat-traċċar li jaħdmu magħhom f'każijiet ta' Dublin fil-pajjiżi tagħhom ⁽¹⁹⁾. Il-fuljetti speċifiċi għall-pajjiż fihom informazzjoni speċifika dwar il-lista ta' NGOs u organizzazzjonijiet oħrajn li huma jew li jistgħu jkunu involuti fir-riunifikazzjoni tal-familja (). Il-lista tista' tiġi kondiviża mal-applikant u jew ma' pajjiżi oħra tal-UE+ biex tappoġġa l-aċċess tal-applikant għas-servizzi ta' traċċar. Dawn il-fuljetti jistgħu jitniżżlu u jiġu pprovduti lill-applikant biex jinfurmawh dwar l-organizzazzjonijiet ta' traċċar li jistgħu jiġu kkuntattjati biex jappoġġaw it-tfittxija ta' membri tal-familja.

⁽¹⁸⁾ EUAA, [Recommendations on Family Reunification in the Dublin Procedure \(Rakkomandazzjonijiet dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familja fi ħdan il-Proċedura ta' Dublin\)](#), Settembru 2023.

⁽¹⁹⁾ Permezz taż-Żona tal-Membri, l-Unitajiet ta' Dublin jistgħu jaċċessaw il-listi ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jiġu kkuntattjati biex jappoġġaw it-traċċar tal-familja.



Illustrazzjoni 7. Eżempju tal-mudell tal-organizzazzjonijiet għat-traċċar tal-familja – l-Awstrija, 2023

RECOMMENDATIONS ON FAMILY REUNIFICATION – ANNEX II: LIST OF FAMILY TRACING ORGANISATIONS

AUSTRIA

Below is a list of organisations that can support family tracing in the EU+ countries. These organisations are recommended by the Dublin Unit because they cooperate with them regularly.

These organisations can be contacted to facilitate family tracing and to speed up the collection of relevant information.

Cooperation on family tracing

The Federal Office cooperates with the **Federal Agency for Reception and Support Services** in matters of family tracing. Furthermore the **Red Cross in Austria** also conducts family tracing.

Contact details

Name of organisation: Federal Agency for Reception and Support Services

Website: www.bbu.gv.at

Email address: rks.traiskirchen@bbu.gv.at

Phone number: +43 8 008 08 005

Name of organisation: Red Cross Austria

Website: <https://www.rotekreuz.at/ch-brauche-hilfe/erestoring-family-links>

Email: tracing@rotekreuz.at

Number: +43 1 589 00 126; +43 1 589 00 127





L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

